# Kap 2

## Ix-Xitan: SIMBOLU JEW REALTA?

**"Ahna x'ghandna x'naqsmu, Gesu ta' Nazaret?**

**gejt biex teqridna?**

**Jien naf min int: 'Il-Qaddis ta' Alla".**

**(Mk 1:24)**



**"Il-Princep ta' din id-dinja hu ga' ikkundanat."**
**(Gw 16:11)**

Konna ilna ma niltaqghu diversi snin. Darba ma nafx kif hbatt mieghu fi Triq ir-Repubblika u malajr waqafna nitkellmu ftit flimkien. Huwa sacerdot li zmien ilu konna nahdmu hafna flimkien fil-qasam tal-kateketika.

"Smajt li dan l-ahhar sirt midhla hafna tax-xjaten" qalli dan siehbi b'nofs cajta.

"Kont nippreferi wisq izjed - wegibtu - li kieku kellek tghidli li jien midhla ta' Gesu".

Ghax tassew, ara xi hadd ma jmurx jahseb illi lili jinteressani izjed ix-xitan milli Kristu. Lix-xitan m'ghandix x'nambih. Sfortunatament ikolli nhabbat wicci mieghu ta' spiss, imma dan biex inkeccih biss. Dak li lili jinteressani huwa Gesu, id-Dawl, il-Hajja, il-Hobz etern, id-Dielja, is-Sewwa, it-Triq, il-Qawmien.

Ic-Centru huwa Kristu

Meta Pawlu VI qalilna li d-demonologija ghandha post importanti fit-teologija kattolika, b'dan ma riedx ifisser illi ghandha post centrali. Il-post centrali huwa ta' Gesu biss, li mieghu ghandha ddur it-teologija kollha.

"Fih kien mahluq kollox, fis-sema ufl-art" (Kol. 1:16).

Jispjega tajjeb hafna Gwanni Pawlu II: "Kristu jinsab fic-centru ta' l-univers. Il-kontenut centrali tar-Rivelazzjoni huwa Alla u l-helsien tal-bniedem. Il-verita’ dwar l-angli hija, f'certu sens,'kollaterali’, Jew inkella 'inseparabbli' mir-Rivelazzjoni centrali,
illi hija l-ezistenza, il-maesta’ u l-glorja tal-Hallieq... L-angli ghaldaqstant mhumiex hiejqiet fl-ewwel pjan fir-realta’ tar-Rivelazzjoni, madankollu jappartjenu ghaliha b'mod shih..." (1)

Fi studju sabih dwar id-demonologija f'San Gwann tas-Salib, P. Nilo di San Brocardo jghid illi "huwa dmir taghna illi nirriservaw l-ahjar parti ta' l-energiji taghna u tal-

preokkupazzjonijiet taghna ghal dak li direttament ghandu x'jaqsam mal-qdusija taghna" (2). Fost l-ohrajn isemmi:

- l-imhabba patema mimlija hniena tal-Mulej;

- l-ghaqda taghna ma' Kristu, Ras u Medjatur;

- il-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu permezz tal-grazzja, tal-virtu u d-doni;

- l-ghajxien tat-Trinita fir-ruh tal-gust;
- l-intervent ta' Marija fl-applikazzjoni tal-frott tar-Redenzjoni;
- il-protezzjoni ta' l-angli u l-intercessjoni tal-qaddisin.

Dawn huma kollha punti izjed centrali mill-mard, avversita, tentazzjonijiet, tfixkil u l-bqija, tax-xitan. Madankollu lil dan m'ghandniex inhalluh barra mit-teologija, ghaliex huwa dejjem ostaklu li jirrendi difficli r-relazzjoni shiha taghna ma' Gesu'.

Imma x'nifhmu ezatt meta nghidu li Kristu biss hu c-centru ta' kollox?

Meta nirriflettu dwar Alla l-Hallieq, bosta drabi nimmaginaw li Alla

l-ewwel halaq lill-angli, poggiehom taht prova u dawn dinbu.

Uhud spiccaw l-infem filwaqt li l-bqija baqghu l-genna;

- imbaghad, f'era ohra. Alla halaq l-univers bil-hxejjex, annimali u l-bniedem. Adam u Eva dinbu u allura gew imkeccija mill-genna tal-art;
- b'konsegwenza ta' dan, il-Missier iddecieda li jibghat fostna lil Ibnu biex isalva mill-gdid il-holqien u l-bniedem, li issa saru Isiera tax-xitan.

Jekk nikkoncepixxu b'dan il-mod il-holqien, inkunu qed
immorru kontra l-hsieb bibliku u dak tas-Santi Padri. Jidher car
li b'dan il-mod l-angli jibqghu barra mill-misteru ta’ Kristu.

Jekk wiehed ghall-kuntrarju jifli sewwa l-Prologu ta' San Gwann u z-zewg innijiet pawlini li jifthu l-Ittri lill-Efesin u lill-Kolossin, wiehed malajr jintebah bl-enfasi li Kristu hu l-Primogenitu tal-Holqien kollu.

"Fil-bidu kien il-Verb u I-Verb kien ma' Alla
U I-Verb kien Alla.
Hu kien fil-bidu ma' Alla.
Kollox bih sar, u xejn ma sar minghajru;
kull ma sar kellu l-hajja fih" (Gw 1: l-4)

"Hekk hu ghazilna fih sa minn qabel
il-holqien tad-dinja...
Hu gharrafna l-misteru tar-rieda tieghu;
il-pjan li ghogbu jfassal fih minn qabel
u li kellu jsehh meta tasal il-milja
taz-zminijiet; jigifieri li kollox jingabar
taht Ras wahda, li hu Kristu,
kull ma hu fl-art u kull ma hu fis-sema" (Ef 1: 4,9-10)

"Hu x-xbiha ta' Alla li ma jidhirx,
il-kbir fost il-hlejjaq kollha;
ghax fih kien mahluq kollox, fis-sema u fl-art,
dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx,
Troni u Hakmiet, Principati u Setghat.
Kollox bih u ghalih kien mahluq,
hu li hu qabel kollox,
u kollox fih qieghed izomm" (Kol 1: 15-17)

Huma bla sens id-diskussjonijiet teologici dwar jekk Kristu
kienx jigi fostna, li kieku Adam ma dinibx. Kristu hu c-centru, li
jigbor fih il-hlejjaq kollha, sew dawk tas-sema (angli) kif ukoll
dawk ta' l-art (bnedmin). Certament, bid-dnub ta' Adam, il-migja
fostna ta' Gesu hadet xejra ohra, dik li tirrestawra dak li kien
imkisser. Id-demm u s-salib ta' Gesu giebu r-rikonciljazzjoni finali
sew ghall-angli kif ukoll ghall-bniedem.

Diversi Santi Padri, fosthom Sant'Atanasju jghidu car u tond li wkoll l-angli jafu I-helsien taghhom ghad-demm ta' Kristu.

Wara d-dnub, Satana pprova johloq saltna ohra f'kuntrast ghal Kristu, centru ta' kollox. Gesu stess isejjahlu lix-xitan: "princep ta' din id-dinja " (Gw 14:30). U San Gwann ikompli J'ghid illi "d-dinja kollha qieghda taht idejn il-hazin" (7 Gw 5:19). Imma r-rebha hi dik ta' Kristu, u quddiemu kulhadd irid ibaxxi rasu u jilwi rkubbtejh (cf. Fil. 2:10).

Hu importanti li nifhmu din ic-centralita’ ta' Kristu fil-pjan tal-holqien u tar-restawrazzjoni tieghu. Gesu hu sid ta' kul-hadd.

Bla dubju ta' xejn, Alla ma jnehhix il-liberta tal-bniedem kif ukoll ta' l-angli li jaccettaw jew majaccettawx lil Kristu. Lill-angli giet moghtija l-ghazla. Ghazlu... u Huma qed igawdu Jew ibatu l-prezz ta' l-ghazla.

Il-bniedem ghadu fit-triq u fi zmien il-prova: jaccetta Jew ma jaccettax lil Kristu f'hajtu.

Uhud jghidulek li Gesu diga jaf min se jsalva u min se jintilef, u ghaldaqstant hu kollu inutli li tithabat. Min jahseb hekk ikun qed ihallat dik li t-teologi jsejhulha prexjenza (jigifieri li tkun taf xihaga minn qabel) mal-predestinazzjoni (dik li jkollok id-destin tieghek diga mhazzez).

Tajjeb li nzommu dan quddiem ghajnejna:
Alla jrid li Ikoll kemm ahna nsalvaw;
hadd mhu predestinat li jmur l-infern;
Gesu miet ghal kulhadd: mela ghalik ukoll;
lil kulhadd tinghata l-grazzja tal-helsien.

Ic-centralita ta' Gesu tfisser fil-konkret li f’ismu biss nistghu

nsalvaw. U bl-isem tieghu biss li nistghu nirbhu u ninhelsu mill-ghadu taghna: Satana.

P. Amorth, ezorcista ewlieni f'Ruma jirrakkonta mill-esperjenza tieghu illi meta jkollu kazijiet ta' ezorcizmi difficli, lejn l-ahhar tas-sessjoni jitlob bl-innu kristologiku ta' l-Ittra lil Filippin (2:6-11). "Meta nasal ghall-kelmiet 'biex fl-isem ta' Gesu -fis-sema, fl-art u f'qiegh l-art - il-hlejjaq kollha jinzlu gharkubbtejhom', jien stess ninzel gharkubbtejja, u mieghi jinzlu dawk li jkunu prezenti, u haga ta' l-ghageb, imqar l-istess indemonjat ikun kostrett li jinzel gharkubbtejh maghna. Huwa mument qawwi u suggestiv. Inhoss dak il-hin li mqar il-legjuni ta' l-angli jkunu madwarna, gharkubbtejhom ghall-isem ta' Gesu (3).

**Kulturi diversi**

Qabel ma naraw x'tghidilna l-Iskrittura dwar ix-xitan u l-waqgha tieghu, biex hekk ikollna bazi ghat-twemmin taghna, tajjeb li naghtu harsa mghaggla hafna dwar id-diversi kulturi u kif dawn iharsu lejn ix-xitan. Dan hu necessarju, billi xi teologi jahsbu li Gesu seta' kien influwenzat minn dawn il-kulturi meta tkellem hekk ta' spiss dwar id-demonju.

Ta' min jibda biex jghid illi kwazi l-kulturi antiki kollha ghandhom xi twemmin fix-xitan jew xjaten, b'eccezzjoni forsi tal-Gappun.

Fl-Indja per ezempju hemm twemmin li d-demonji jgibu konsegwenzi negattivi fuq in-natura u fuq il-bniedem: jissieltu mal-bnedmin jaghmlu hsara lis-sigar u lill-annimali, igibu mard u mewt, jidhru taht forma ta' mostri. Insomma: huma fi glieda kontra t-tajjeb. Fuq kollox, huma kwantita kbira, u differenti minn xulxin.

Fl-Egittu, il-glieda bejn it-tajjeb u l-hazin tokkupa post central! fis-sistema religjuz taghhom. Famuza hi l-glieda bejn Osiride u Seth, illi l-ewwel jorbot u joqtol lil huh u waddab il-katavru fl-ilma, imma mbaghad jigi ggudikat mill-istess iben ta' Osiride, Horus, li min-naha tieghu joqtol il-mostru mxajtan, Apophis, id-dragun tad-dlamijiet u ghadu tad-dawl - Ra. Ix-xjaten tad-dinja ta' taht l-art jheddu lill-bniedem bil-mard u jahdmu fid-diamijiet.

Id-dinja klassika griega u mmana kienet mimlija b'mitologija, fejn id-demonju kellu post prominenti. Il-kelma daimon (grieg) ghaddiet minn divesi tibdil fl-istess tifsira taghha minn Omeru sa l-era kristjana, li mhux il-waqt li nidhlu fdettaiji dwarha (4). Zgur

illi dawn id-daimones kienu kkunsidrati bhala essri personal!, bejn l-allat u l-bnedmin. L-element demonijaku jinhass ukoll fl-Olimpiku ta' l-allat, fejn bejniethom kien hemm glied, ghira u mibeghda.

Fi zmien Gesu, l-influss ta' l-idolatrija griega u rumana zgur li kien jinhass hafna. Il-Grecja, per ez. kienet mimlija allat: Zeus l-alla l-kbir; Hera, il-mara tieghu; Poseidon, Alla tal-bahar; Atena, Alla ta' l-gherf, u l-bqija.

Ruma ma kenitx inqas: Mars, Alla tal-gwerra; Apollo, Alla tal-letteratura u fejqan (l-ispiritisti moderni jsejhu bosta drabi lil Apollo); Quirinus, Alla ta' l-Istat; Mercurius, messaggier ta' l-allat; Gove, l-alla ewlieni u l-bqija.

Ma' dawn zid hafna allat ohrajn nisa bhal Gunone, mart Gove u protettrici taz-zwieg, Ceres, Alla tal-qamh u l-abbundanza, Cibele, omm l-allat.

Popolari ghadhom sa Hum l-alla grieg Eros u dak ruman Kupidu, l-allat tat-tahbit il-qalb ghall-imhabba vera.

Is-shahar ghadhom jissahhru lejn allat ta' l-imhabba bhal mhuma Venus, Isis u Afrodite. Wiehed ma jridx jinsa illi meta Gesu gie fostna, il-Lhud kienu mahkumin mir-Rumani u nfluwenzati mill-griegi.

Accenn izjed partikulari pero rridu naghmlu ghall-ideat li huma izjed qrib it-testi biblici, u dawn huma li nsibu fir-religjonijiet tal-Mesopotamja u ta' l-Iran, l-apokrifi tat-Testment il-Qadim u t-testi ta' Qumran.

**Id-Demonju fl-Orjent**

Is-Sumeri jirrapprezentaw l-izjed forma antika ta’

demonologija. Ushum-Gal huwa spirtu hazin li dejjem jiggieled kontra l-allat tajbin li jipprotegu n-natura u l-bniedem. Huwa s-simbolu tal-perikli tal-hajja, u kienu jiggieldu kontrieh permezz ta' hafna forom diversi ta' ezorcizmi.

L-Ittiti wkoll huma xhieda ta' mitologija fejn spirti hziena huma fi glieda ma' spirti tajbin. Kienu jiggeldulhom permezz ta' magija u ritwali ta' shahar.

Id-demonji tal-Babilonja huma x'aktarx izjed marbutin mal-mewt u mas-saltna tal-mejtin (5). Il-glieda kontra x-xjaten taghhom kienu jaghmluha permezz ta' amuleti (li kienu jintlibsu fl-ghonq jew f'partijiet ohrajn tal-gisem biex jigu mharsin), bil-prattika skrupluza tar-ritwali taghhom u wkoll bl-ezorcizmi.

Fl-Iran insibu demonologija interessanti, imma hu kemmxejn difficli nikkonkludu kemm u kif din influwenzat lill-poplu Ihudi. Dan gej minhabba l-fatt illi din ghaddiet minn diversi varjazzjonijiet matul is-sekli u giet trasmessa lilna minn Gharab influwenzati mid-duttrina ta' Mawmettu. Erba' varjazzjonijiet important! huma per ezempju d-duttrina ta' Zaratustra, it-taghlim tal-mazdeizmu, id-duttrini taz-zervaniti u t-taghlim tal-magicians

illi kkontribwew biex inholoq il-mitraizmu tal-perjodu ellenistiku (6).

Bla dubju ta' xejn, per ez. Zaratustra holoq religjon decizament dwalistika, fejn pogga bhala kap tal-hazen lil Angra Mawyajew Ahriman.

Ix-xjaten, fil-mohh ta' l-Iranjani, huma b'mod specjali attivi fil-mument tal-mewt u wara, meta jaghmlu hilithom kollha biex jaqilbu l-mizien kontra l-mejjet fuq il-pont ta' Ciuvat, fejn imhallfin seven jiggudikaw l-azzjonijiet tal-bnedmin, u jekk il-mizien imil fuq il-hazen, allura jispiccaw l-infem. |

Interessanti huma l-apokrifi (kotba antiki religjuzi, li ma jappartjenux ghar-Rivelazzjoni; fi ftit kliem mhumiex kotba ta' l-Iskrittura, ghalkemm jistghu jkunu antiki daqsha) tat-Testment il-Qadim, fejn jinsabu diversi ideat dwar ix-xitan. Insemmu whud

minnhom.

Il-Ktieb ta' Noe - jikkonsidra lil Azazel bhala l-kawza principali ta' kull hazen morali fid-dinja u kap ta' l-angli ribelli li waqghu mis-sema ghal fuq l-art. Dan gara - skond il-Ktieb ta' Noe - proprju ftit qabel id-dilluvju minhabba rapporti sesswali man-nisa u x-xewqa tal-prokreazzjoni, riservata ghall-bnedmin. Id-dnub ta' l-angli cappas lin-natura umana, li issa giet esposta ghall-hazen kollu.

Il-Ktieb tal-Holm li nkiteb fi zmien Danjel, jitkellem minn zewg waqghat ta' l-angli, l-ewwel wahda dik tal-kap tax-xjaten u l-ohra fi zmien differenti ta' angli ohrajn.

Fil-Ktieb tal-Gublewijiet - li nkiteb lejn tmiem it-tieni sekli q.K. - insibu li l-angli gew fostna biex jghallmu lill-bniedem il gustizzja u s-sewwa, imma dawn dinbu man-nisa u minn dak in nhar bdiet il-provokazzjoni ghall-hazen.

Ktieb iehor hu It-Testmenti tat-Tnax-il Patrijarka, fejn insibu li x-xitan huwa kapaci jidhol fil-bniedem, u mieghu jgib sa mit-twelid seba' spirti ohra.

L-ahhar ktieb li nsemmu hu l-Ktieb tal-Parabboli fejn il-kap jiehu l-isem ta' Satana, u hu attivissimu fid-dinja, bhala kap ta' hafna xjaten ohrajn (7).

Kelma specjali nghidu dwar il-kitbiet ta' Qumran, li nstabu fil-gherien qrib il-Bahar il-Mejjet, u huma meqjusin bhala l-ikbar skoperta arkeologika tas-seklu.

Skond dawn il-kitbiet, kollox huwa previst u predeterminat. Hu Alla li halaq id-dawl kif ukoll id-dlamijiet; it-tajjeb kif ukoll il-hazin. Id-dwalizmu mela mhux semplici psikologiku, inkwantu l-bniedem hu inklinat lejn il-hazin, imma hu reali fis-sens li jezisti spirtu hazin, mahluq minn Alla, li jitturmenta lill-bniedem. Iz-zewg spirti huma dejjem fi glieda bejniethom, ukoll jekk Alla ma jitlefqatt il-kontroll ta' l-istorja. Prezentement id-dinja hi f'idejn Satana, imma jasal iz-zmien tar-rebha finali, meta l-Messija jgib it-tmiem ta' era mdallma (8).

Bla dubju ta' xejn, dan kollu kkontribwixxa biex il-poplu Ihudi johloq mhux biss duttrina, imma wkoll tradizzjoni, dwar satana u x-xjaten li mhux dejjem kienet nieqsa minn superstizzjonijiet banali.

**SATANA U XJATEN FL-ISKRITTURA**

Ghadni niftakar espressjoni li kienet laqtitni fil-film Song of Bernardette: "Ghal min jemmen, il-mirakli mhumiex necessarji, imma ghal min ma jemminx kull miraklu mhux bizzejjed".

Daz-zmien meta xihadd irid jiddefendi idea tieghu jghidiek:

"sibhieli fil-Bibbja". Ujekk issibhielu, jghidiek li dik trid tifhimha xort'ohra.

Insomma: taghmel x'taghmel, ma ssibx irkaptu ma' min ma jridx jaffronta l-verita. Jien mhux behsiebni nitratta s-suggett b'testi mill-Iskrittura b'mod apologetiku u polemiku. Mhux l-iskop tieghi li niddefendi tezi bit-testi mill-Iskrittura, imma pjuttost li nfittex mal-bniedem sincier u mhux pregudikat, il-verita. Fl-ahhar mill-ahhar, m'ghandi l-ebda interess personali li nipprova li x-xitan jezisti bhala persuna. Li kieku ma kienx jezisti, kien

jiffrankali hafna xoghol antipatiku! Haga hija certa: ix-xitan jissemma bosta drabi fl-Iskrittura.

Jissemma wisq u wisq izjed fit-Testment il-Gdid milli f’dak Qadim. Matul il-hajja ta' Gesu, insibuh fi glieda diretta kontra l-evangelizzazzjoni tieghu. Fuq kollox, jissemma b'diversi ismijiet, specjalment fil-letteratura pawlina: ghadu, akkuzatur, serp, tentatur, salvagg, allot, qawwiet, angli, troni, potesta’, dominazzjonijiet, principati, elementi.

Ta' min jinnota fuq kollox, li sew l-angli kif ukoll ix-xjaten, qatt mhuma kkunsidrati, fl-Iskrittura, ghalihom infushom, maqtughin mill-pjan tal-helsien, imam jidhru quddiemna fi glieda qawwija u distruttiva kontra r-redenzjoni ta' Kristu. Li ssib x'tghid

l-Iskrittura dwar ix-xitan hi haga essenzjali, ghaliex l-awtorita tal-

Bibbja biss tista' tghidilna xi haga dwaru.

Bosta jippruvaw l-ezistenza jew in-nuqqas ta' ezistenza tieghu mir-raguni umana jew mix-xjenza (filosofija, psikologija, antropologija ecc). Dan hu metodu zbaljat ghall-ahhar.

Ix-xitan hu realta soprannaturali (ghax jisboq is-sensi tal-bniedem) u ghaldaqstant ix-xjenzi la jistghu jippruvaw li ma jezistix u lanqas li jezisti. Dan hu suggett li jmur lil hinn mill-kompetenza taghhom. Lix-xitan hadd ma jista' jmissu b'idejh, ghax huwa spirtu. Ikun floku izjed mela jekk wiehed jghid: nemmen jew ma nemminx imma mhux nipprova jew m 'ghandix provi. Ix-xjenza ghandha ragun: m'ghandhiex prova, u lanqas qatt jista' jkollha. Il-provi jigu biss mill-Iskrittura, U bhal kull verita' ohra, lilna jmiss li nemmnuha ghax nafu li hi l-Kelma t'Alla. U jekk qed jghidulna Alla, b'liema dritt tghid il-kuntrarju?!

Il-kelma satana tinsab 26 darba fit-Testment il-Qadim, satanas 34 darba fit-Testment il-Gdid, daimonian 63 darba u diabolos 37 darba.

Dawn it-testi - 160 b'kollox - jippruvaw l-ezistenza ta' xitan personali jew huma biss simbolu tal-hazen li hawn madwama?

**Satana fit-Testment il-Qadim**

Filwaqt li tezisti letteratura abbundanti extra-biblika dwar ix-xitan, it-testi li nsibu dwaru fit-Testment il-Qadim huma relattivament ftit.

L-ewwel osservazzjoni li rridu naghmlu dwar it-Testment il-Qadim hija din: il-Lhud kienu attenti hafna biex ma jxellfux il-monoteizmu taghhom (it-twemmin f'Alla wiehed u uniku). Minbarra hekk, huma ma kenux jafu jiddistingwu bejn taghmel xi haga u tippermetti li xi haga ssir. Kien difficli ghalihom li jifhmu kif principju iehor, ukoll jekk dipendenti minn Alla, seta' jkun il-kawza ta' xihaga li tigri fid-dinja jew fil-hajja. U allura kien izjed facli ghalihom li jattribwixxu kollox (imqar il-hazin) lil Alla. B'hekk ma kienx hemm periklu li setghu jxellfu s-setgha suprema tieghu. (ara Is 45:7)

F'dan il-kuntest allura nifhmu kif Alla jhalli lix-xitan jittestja
lil Gob. {K. 7-2) Ix-xitan jinsab ukoll fuq il-lemin ta' Zakkarija
biex jiggudika lil Gozwe'.

"Imbaghad urieni ‘l Gozwe, il-qassis il-kbir,
wieqaf quddiem l-anglu tal-Mulej,
u x-Xitan bilwieqfa n-naha tal-lemin tieghu
biex jixlih" (Zak. 3:1)

Alla

Ix-xitan ukoll ixewwex lil David biex jaghmel ic-censimentu
Hekk jiftahar bil-qawwa tas-saltna tieghu.

"U x-Xitan qam kontra Israel, u xewwex lil David
biexj ghodd lil Israel" (1 Kron 21:1)
Imma din l-azzjoni ta' David, f'banda ohra tal-Bibbja,
attribwita lil Alla nnifsu.

"U l-Mulej rega' ghadab ghal Israel
u qanqal lil David kontriehom u qallu

'Mur, ghodd lil Israel u lil Guda'" (2 Sam 24:1)

Ghalina illum tidher haga stramba trattribwixxi l-hazin lil Alla, imma ghal-Lhud din kienet l-unika soluzzjoni biex izommu '1 Alla fuq kollox u fuq kulhadd. Illum ma nsibuhiex bi tqila nattribwixxu l-hazin lix-xitan, minghajr b'daqshekk ma nkunu qed nemmnu f'zewg principji differenti, wiehed li jmexxi t-tajjeb (Alla) u l-iehor li jmexxi l-hazin (xitan). Ix-xitan, minkejja li hu dak li jqanqal il-hazin, jibqa' dejjem taht Alla, Mulej ukoll tieghu.

Billi dan il-Lhud kienu ghadhom ma fehmuhx, allura nsibu testi bhal dawn:

"Imbaghad hareg spirtu u pprzienta ruhu quddiem il-Mulej, .
u qallu: 'Jiena nqarraq bih' (Ahab). U l-Mulej staqsieh:

'Biex?' U dak wiegeb: 'Jien nohrog
u nkun l-ispirtu tal-gideb ffomm il-profeti tieghu kollha'.
U wiegbu: 'Int tqarraq bih u tirbah zgur, mur u aghmel hekk'.
U issa ara, il-Mulej qieghed l-ispirtu tal-gideb
fuq fomm dawn il-profeti kollha tieghek,
u l-Mulej qataghha lijaghmiliek id-deni". (1 Slat 22: 2l-23)

Din kienet vizjoni li l-profeta Mikea qal li ra ssehh fis-sema, u li rrakkontaha lir-Re Ahab.

Alla jidher ukoll li qed jibghat spirtu hazin biex jitturmenta lil Sawl:

"U Sawl baghat jghid lil Gessi: 'Ha jibqa’mieghi (David)
ghax hadt grazzja mieghu. U kull meta l-ispirtu hazin,
gej minn Alla, kien ikun fuq Sawl, David kien jaqbad l-arpa
u jdoqqha b'idu..." (1 Sam 16:22-23)

Kif jikkummenta tajjeb Johannes Smith, il-poplu Lhudi kellu dejjem inklinazzjoni ghall-politeizmu, l-adorazzjoni ta' hafna allat, minhabba t-tahlit ma' popli ohrajn, u allura fost l-ohrajn Mose ma tkellimx minn xjaten u spirti hziena u infestazzjonijiet, ghaliex dan kien riskjuz wisq ghall-mentalita Lhudija" (9).

Kien ghalhekk li Isaija jattribwixxi lil Alla sew id-dlam kif ukoll id-dawl:

"Jien sawwart id-dawl u hlaqt id-dlam;
jien naghmel ir-risq u nahlaq id-deni;
jien Jahweh, li naghmel dan kollu" (Is. 45:7)

L-Iskrittura titkellem ghall-ewwel darba b'mod car dwar ix-xitan fil-Ktieb ta' Gob (1:6-12; 2:7-7). Ix-xitan jitlob permess lil Alla biex igarrab lil Gob. L-interess tieghu jidher car: imexxi lill-bniedem ghad-disperazzjoni u hekk ibeghdu minn Alla. Fl-isetss hin perojkollujibqa' dejjem taht Alla. Id-dipendenza tieghu minn Alla hija izjed milli cara.

Test iehor importanti nsibuh fil-Ktieb tal-Gherf (2:23-24):

"Ghax Alla halaq il-bniedem biex majmutx,
u ghamlu xbiha tieghu nnifsu.
Bil-ghira tax-xitan dahlet il-mewt fid-dinja;
ujafu xi tfisser dawk li huma tieghu"

Taccetta lix-xitan ifisser il-mewt etema u t-telfien tal-hajja divina. It-test ta' l-Gherf jaghtina tifsira cara tat-test li nsibu fil-Genesi (cf 3:l-5) meta s-serp jittanta lil Adam. It-tentazzjoni lil Eva fil-Genna ta' l-Art permezz tas-serpent ma tantx nistghu ninterpretawha bhala semplici tentazzjoni interjuri u inqas u inqas nistghu nharsu lejn il-fatt shih bhala mitologija.

Sew it-test ta' l-Gherf kif ukoll dak tal-Genesi jitkellmu minn essri personal! Li jqarraq bil-bniedem (10).

Ta' min fl-ahharrnett jinnota, illi fit-Testment il-Qadim il-kelma satana ghaddiet minn evoluzzjoni shiha. Ghall-bidu l-kelma kienet tfisser "anglu tal-Mulej" (ara Num 22:22-32). Qajl qajl il-kelma bdiet tiehu tifsira different!, u precizament "ghadu"', bhal fil-kaz ta' Gob (1:12), ta' Gozwe meta ried jakkuzah (Zak 3:l-2) u ta' David, meta mbuttah biex jidneb (7 Kron 21:1) (11).

## Satana fit-Testment il-Gdid

### *Is-Sinottici*

Huwa hafna difficli li tigbor fil-qosor id-duttrina kollha dwar ix-xitan li nsibu fit-Testment il-Gdid. Qabel ma nghaddu biex naghtu sintesi taghha, tajjeb illi ninnutaw:

- It-Testment il-Gdid jitkellem dwar l-istess xitan tat-Testment il-Qadim, ukoll jekk hemm insibuh deskritt b'ismijiet izjed varjati. Bhala ezempju fi-Apokalissi naqraw:

"U gie mwaddab id-Drag un il-kbir, is-Serp tal-Qedem,
li hu msejjah id-Dimonju u x-Xitan,
il-qarrieq tad-dinja kollha,
kien imwaddab ghalfuq l-art..." (12:9)
Ara wkoll Gw 8:44; 2 Kor 11:3; 1 Gw 3:8.

- Fit-Testment il-Gdid insibu bosta testi li jitkellmu dwar ix-xitan: almenu 300 wiehed. Ir-raguni ghal dan hija cara: waslet l-era messjanika fejn Gesu' kellu jgib rebha shiha fuq ix-xitan u l-qerda tas-saltna tieghu. Dan jghidu b'mod car hafna San Gwann:

"Kien ghalhekk li deher l-Iben t'Alla,
biex ihott kull ma ghamel ix-xitan" (IGw 3:8)

Darba Gesii kien qieghed jghallem fis-sinagoga, meta ragel itturmentat mix-xitan fdaqqa wahda beda jghajjat:

"Ahna x'ghandna x'naqsmu, Gesu' ta' Nazaret?
Gejt biex teqridna?
Jien naf min int: 'Il-Qaddis ta' Alla'" (Mk 1:24)

- Proprju minhabba fil-glieda ta' Gesu' max-xitan, id-duttrina dwar Satana ma tistax tittiehed ghaliha nnifisha, imma trid tkun kontinwament inkwadrata fil-misteru tar-redenzjoni ta' Kristu. Minhabba f'hekk - jghid Schierse - mhux possibbli ssib fit-Testment il-Gdid demonologija sistematika, ghaliex l-affermazzjonijiet kollha dwaru huma b'rabta ma' Kristu u l-Knisja(12).

Gesu' jitkellem spiss dwar ix-xitan, u l-glieda flimkien tibda proprju mill-bidu tal-hajja pubblika tieghu. Minghajr ma nidhlu f'dettaiji dwar ir-redazzjoni tat-test (13) it-tliet sinottici jirrakkontaw it-tentazzjoni li garrab Gesu' wara s-sawma ta' erbghin jum fid-dezerrt (ara Mt 4: l-11; Mk 1:13; Lk 4: l-13). Gesu' jpoggina ghassa kontra x-xitan li jmexxina lejn il-kompromessi:

"Mela ha jkun id-diskors taghkom, 'Iva, iva', "Le, Ie';
kull ma hu izjed minn hekk gej mill-Hazin" (Mt 5:37)
Jghallimna nitolbu biex nigu mehlusa mid-deni - xitan:
"U la ddahhalniex fit-tigrib, lzda ehlisna mid-deni" (Mt 6:13)

Ix-xitan huwa tfixkil ghall-predikazzjoni ta' Gesu' (ai&Mt 13:)Ht

u 39; Lq 16:19). Jitkellem fuqu waqt il-Weghda tal-Primat (araAft \
16:19): '
meta jkun qed ihali c-Cenaklu (ara Gw 16:11)
fil-Gnien tal-Getsemani, meta jghid U issa waslet is-setgha
tad-dlamijiet (ara. Lq 22:5 3). |
Meta proprju kollox kien jidher li r-rebha se tkun ta' Satana,
hemm kien il-bidu tat-trijonf veru ta' Kristu (ara Lq 22:53).

L-antagonizmu bejn Gesu' u x-xitan kif ukoll l-antitesi bejn is-saltna tad-dawl u dik tad-dlam, tidher cara hafna fit-Testment il-Gdid, specjalment fil-kitbiet ta' San Gwann u ta' San Pawl.

Gesu' gie fostna biex idahhal is-saltna tad-dawl minflok dik tad-dlam (ara Mt 3:2; Gw 3:15; Rum 14:17).
Jirbah Gesu', ghax kien ghalhekk li l-Missier baghtu fostna (ara 1 Gw 3:8).

San Pawl jesprimi b'mod meraviljuz ir-rebha ta' Kristu fuq ix-xitan:

"Nezza' l-Principati u s-Setghat,
u ghamel wirja minnhom quddiem
id-dinja, u karkarhom warajh
fit-trijonf tieghu bi Kristu" (Kol. 2:15)

U jkompli San Gwann:

"Il-Princep ta' din id-dinja huwa ga kkundannat" (6'w 16:11)
"Issa se jitkecca l-princep ta' din id-dinja" (6'w 12:31)
"Aghmlu l-qalb: jiena rbaht id-dinja" (Gw 16:33)

Bla dubju ta' xejn, Gesu' gab ir-rebha finali fuq ix-xitan permezz tal-mewt tieghu fuq is-salib.

Proprju lejliet il-passjoni tieghu, Gesu' jghid:

"Issa jitkecca l-princep ta' din id-dinja.
U meta nintrefa' 'I fuq mill-art,
jiena nigbed il-bnedmin kollha lejja" (Gvv 12:3l-32)
"M'iniex se nkellimkom izjed fit-tul,
ghax il-Princep tad-dinja gej.

Kontra tieghi xejn ma jista' jaghmel" (6'w 14:30)
Dan ikompli jikkonfermah San Pawl meta jghid:

"... biex b'mewtu jeqred is-setgha ta' dak li kellu l-mewtf'idejh, jigifieri x-xitan" {Lhud 2:14)
Is-Saltna issa ma tinsabx izjed f'idejn Satana; issa tinsab f'idejn Kristu, li hallas ghaliha b'demmu stess:

"Lili nghatat kull setgha fis-sema ufl-art" (Mt 28:18)

Mod partikulari li bih Gesu' wera l-qawwa tieghu fuq ix-xitan hu permezz ta' l-ezorcizmi, it-tkeccija tax-xitan mill-bniedem itturmentat minnu.

Insemmu bhala ezempju:

• l-indemonjat ta' Gerasa (ara Mk 5:l-20)

• it-tifel li Gesu' fejjaq, wara li ma mexxilhomx id-dixxipli tieghu (ara Mk 9:14-29)

• il-fejqan tar-ragel ippossessat f'Kafamaum (ara Mk 1:2l-28 u Lq 4:33-37)

• it-tifla tal-mara siro-fenicja (ara Mk 7:24-30 u Mt 15:2l-28)

Ma' dawn inzidu t-testi fejn jinghad li Gesu' fejjaq il-morda u kecca x-xjaten (ara Mk 1:32-34).

Gesu' jiddiskuti mal-Farizej u jfisser li s-setgha li ghandu gejja minn Alla u mhux minn Beelzebul, kif b'mod zbaljat kienu qed jahsbu huma (ara Mk 3:22; Mt 11:16-18; Lq 7:3l-35).

Is-sinottici - San Mattew, San Mark u San Luqa - jghaqqdu l-missjoni ta' Gesu' ma' l-ezorcizmi.
Gesu' ghandu setgha...

• fuq l-ispirti hziena (ara Mk 6:7; Mt 10:1).
• fuq ix-xjaten kollha (ara Lq 9:1)
• Gesu' jaghti lill-AppostIi s-setgha li jkeccu x-xjaten (ara Mk 3:13; J

Mt 10:1) \
• u jwieghed li dan ikun wiehed mis-sinjali ghal min jemmen: li jkecci x-xjaten (ara Mk 16:17)
U lil Erodi jibghat jghidlu li ma kienx ser iwaqqfu milli jkompli jfejjaq il-morda u jkecci x-xjaten (ara Lq 13:32).

Certament, meta x-xitan johrog, jghidilna Gesu', jehtieg li mbaghad nintlew bl-Ispirtu s-Santu, ghax sadattant ix-xitan imur igib sebgha ohra mieghu u jipprova jidhol mill-gdid fid-dar jekk isibha vojta (ara Mt 12:43-45; Lq 11:24-26).

It-tkeccija tax-xitan hija diga fiha nnifisha prova
• illi s-Saltna t'Alla waslet (ara Mt 12:28; Lq 11:20)
• illi l-qawwa ta' Satana tfarrket (ara Mk 3:27; Lq 10:18)
• filwaqt li x-xjaten jistqarru li Gesu' hu l-Messija (ara Mk 1:24 u 34; Lq 4:34)
• u li allura wasal il-mument tat-turment u tat-telfa taghhom (ara Mk5:7;Lq8:28)

• Din is-setgha tigi mghoddija lill-appostii (ara Mt 10:1; Mk 6:7; Lq9:l)

lid-dixxipli (ara Lq 10:17 u 20)
lil kull min jemmen (araMk 16:17)

Id-duttrina fis-Sinottici dwar Satana (Mark), il-Hazin (Mattew) u x-Xitan (Luqa) hija cara bizzejjed biex jghib kull dubju illi

• ix-xitan jezisti realment
• jezisti bhala entita personali
• distinta mid-dnub li jhajjar ghalih (ara 1 Cw 3:8)
• fejn il-bniedem jibqa' liberu li jaccetta Jew ma jaccettax lil Satana u d-dnub (ara Mt 15:19)
• minghajr pero ma nichdu illi x-xitan jinfluwixxi qatigh fuq il-mohh u l-qalb tal-midneb (14)

***Satana f'San Pawl***

San Pawl ghandu linja cara hafna: jenfasizza r-rebha ta' Kristu, u mieghu tan-nisrani, fuq it-tnassis kollu tax-xitan. jafferma b'forza

illi Kristu biss huwa s-sinjur tal-holqien kollu u ta' kull realta ohra. L-agir u l-manuvri kollha tax-xitan huma bla sahha u forza quddiem il-qawwa ta' Kristu.

San Pawl juza diversi ismijiet, minbarra dawk li nsibu fis-sinottici,biexj iddeskrivi l-ghadu ta' Kristu u taghna. Post l-ohrajn jitkellem minn setghat, qawwiet, elementi tad-dinja...

Lix-xitan isejjahlu wkoll Beljar fil-Korintin (2 Kor 6:15):

"Xiftehim hemm bejn Kristu u Beljar ix-xitan?"

L-azzjoni tax-xitan hija dejjem dik li jtellef jew ifixkel lin-nisrani milli jhares lejn Kristu u jaghmel ir-rieda tieghu.

Satana jfixkel lil San Pawl fil-progett tieghu li jzur lit-Tessalonkin:

"Ghalhekk ridna nigu ghandkom, jiena Pawlu, ghal darba darbtejn; imma x-xitan fixkilna" (1 Tess 2:18}

Pawlu jistqarr bl-umilta li

"tqeghditli xewka f'gismi, messaggiera tax-xitan..."
(2 Kor 12:7)

Hu x-xitan - jghid San Pawl - li jgibhielna difficli biex nahfru:

"...jekk hfirt xi haga, hfirtha minhabba fikom

quddiem Kristu, biex ma jeghlibnix ix-xitan,

ghax nafu x'inhuma l-hsebijiet tieghu" (2 Kor 2:11)

Lix-xitan ibza' mill-qerq tieghu ghaliex:

"mhux ghageb, ghax Satana stess jitbiddel
f'anglu tad-dawl" (2 Kor 11:14)

Imma tibzghux ghaliex

"Alla tas-sliem ma jdumx ma jishaq taht riglejkom
lil Satana" {Rum 16:20)
minkejja li jipprova jqarraq bina:

"il-Hazin ghad jigi bil-qawwa tax-xitan
u jaghmel kull xorta ta' mirakli u sinjali
u ghegubijiet foloz. (2 Tess 2:9)

San Pawl ma jitkellimx mill-persuni invazati mix-xitan, minkejja li San Luqa, dixxiplu tieghu jghid illi Itaqa' maghhom (araAtti 13:10; 16:16-18; 19:15), u lanqas ma jghid direttament li l-mewt spiritwali dahlet minhabba fix-xitan minkejja li tkellem fil-kuntest ta' Gherf 2:24, imma dahlet permezz tad-dnub:

"Bhalma kien permezz ta' bniedem wiehed

li fid-dinja dahal id-dnub,
u, permezz tad-dnub, il-mewt
u hekk il-mewt lahqet il-bnedmin kollha
ghax kollha dinbu... (Rum 5:12)

B'dan pero zgur li San Pawl ma riedx jiskuza lix-xitan mir-responsabbilta tieghu ghall-istragi li waqa' fiha l-bniedem, imma ried semplicement jenfasizza r-responsabbilta tad-dnub tal-bniedem.

Daqshekk iehor wiehed ma jistax jikkonkludi li ladarba San Pawl ma tkellimx direttament dwar dawk invazati mix-xitan, dan ifisser li hu ma kienx jemmen fil-possessjoni u ezorcizmu.

Fl-ittra lill-Efesin, San Pawl jaghtina programm shih ta' kif ghandna nikkumbattu lix-xitan (ara 6:10-12). Dwar dan mtkellmu izjed fid-dettal 'il quddiem.

***Satana f'San Gwann***

San Gwann jara lix-xitan taht tliet dimensjonijiet:

- izommu responsabbli ghall-hazen kollu morali
- jitkellem dwar l-akkuza li ssir lil Gesu' li hu ndemonjat

• iqisu bhala princep irresponsabbli ta' din id-dinja.

Hu x-xitan illi jfixkel l-ghazla ta' Guda bhala appostlu:

"Qalilhom Gesu’: Mhux jien kont li ghaziltkom
lilkom it-tnax? U madankollu wiehed minnkom
huwa xitan" (Gw 6:70)

Ix-xitan hakem lil Guda taht idejh biex isir strument ta' tradiment u gidba:

"Ix-xitan kien ga webbel lil Guda ta' Xmun
l-Iskarjota u dahhallu f’rasu li jittradih" (()w 13:2)

U meta Gesu’ stieden lill-Appostli jieklu gismu u jixorbu demmu, "Guda ha l-bicca hobz u dahal fih ix-xitan" ((^w 13:27)

Hu wkoll ix-xitan li jimblokka lil-Lhud jisimghu u jaccettaw il-Kelma:

"Ghaliex m'intomx tifhmu x'jiena nghid?
Ghax intom kelmti ma tifilhux ghaliha.
Intom gejjin minn missierkom,
li hu x-xitan..." (Gw 8:43-44)

Bla dubju ta' xejn, dan kollu li qed nghidu ma jwaddabx ir-responsabbilta tad-dnub li nikkommettu fuq ix-xitan daqs li-kieku ahna biss vittmi bla htija ta' xejn. Ix-xitan ihajjarna... imma mbaghad hu ghalina li naccettaw il-hazen tieghu jew mrrifjutawh.

Gesu’ mbaghad jigi akkuzat li hu possessat mid-demonju ghal tliet darbiet:
- wara li fejjaq nhar ta' Sibt:

"Qalulu n-nies: Int ghandek xitan fik!
Min qieghed ifittex lijoqtiok?" ((nv 7/20)

- bhala twegiba ghall-akkuza li Gesu’ jaghmel lil-Lhud meta jghidilhom:

"Intom gejjin minn missierkom, li hu x-xitan" (Gw 8:44}
u allura huma jwegbuh:

"Mhux sewwa nghidu ahna li int Samaritan
u ghandek fik xitan? " (Gw 8:48)
- u bhala reazzjoni tal-Lhud wara li qalilhom li hu r-Raghaj it-Tajjeb:

"Dan ghandu fih xitan u qieghed jhewden" (Gw 10:19)

Ghal tliet darbiet ukoll Gesu’ jitkellem mix-xitan bhala l-princep ta' din id-dinja.

"ll-gudizzju ta' din id-dinja qieghed isir issa.
Issa se jitkecca l-princep ta' din id-dinja" (Gw 12:31}
Hawnhekk Gesu’ qieghed jafferma t-telfa tax-xitan. Dan pero ma jfissirx li x-xitan ma baqax u mhux ser jibqa' jithabat biex ir-rebha ta' Kristu titnaqqas fil-valur taghha. U dan ix-xitan jaghmlu fil-glieda kontra l-mifdijin.

San Gwann ikompli f'test iehor:

"M'iniex se nkellimkom izjed fit-tul,
ghax il-Princep tad-dinja gej.
Kontra tieghi xejn ma jista' jaghmel" (Gw 14:30)
U tassew hekk hu, ghaliex

"Il-Princep ta' din id-dinja huwa ga kkundannat" (Gw 16:11}

San Gwann ipoggi quddiemna zewg realtajiet cari:

- Satana ghadu jigieled kontrina:

"Id-dinja kollha qieghda taht idejn il-haiin" (7 Gw 5:19)
- Min-naha l-ohra r-rebha mhijiex tieghu, imma hi ta' l-ulied mifdija, fi Kristu:

"... intom ghelibtu l-haiin" (Gw  2:14)

***Satana fl-Apokalissi***

Ix-xitan hu pprezentat bhala dragun fil-Ktieb simboliku ta' l-Apokalissi ta' San Gwann. Il-qofol tad-duttrina nsibuha fil-kapitlu 12, fil-glieda bejn id-dragun u l-mara.

Huwa l-kawza tal-persekuzzjoni kontrina (ara 2:9; 3:9)
tal-habi (ara 2:70)
ta' l-idolatrija (ara 2:13; 9:20)
• ta' l-erezija (ara 2:24)
Fis-servizz tieghu hemm id-demonji l-ohrajn (ara 16:13).

Lix-xitan San Gwann jiddeskrivih daqs li kieku hu "ix-xadina ta' Alla ", li jipprova jikkupjah f'kollox:

- irid ikun adurat (ara 13:4)
- ipoggi l-markafuq dawk lijsegwuh (ara 16:2)
bhas-sigill tal-maghiulin (ara 7:l-8)
-jaghmel ta' bil ruhu lijirxoxta (ara 13:3)

Huwa giddieb, krudil, mimli mibeghda u mrar; jippersegwita l-iben tal-mara;

"kien jaf li zmien ftit baqaghlu" (ara 12:12)
Il-hazen li tela' fil-quccata tieghu kien is-sinjal tat-tmiem tal-Bhima.

Tassew li l-Haruf bla Tebgha gab rebha finali u dejjiema.
Ix-xitan jibqa' jithabat u jdur madwama:

"Kunu meqjusa u ghassu.

L-ghadu taghkom, ix-xitan, qisu ljun jghajjat
idur u jfittex 'il min se jibla'.
Iqfulu shah fil-fidi" (7 Piet. 5:8-9)

Tibzghu minnu?

"Oqoghdu ghar-rieda ta' Alla.

leqfu lix-xitan u hujahrab minnkom" {Gak 4:7)

Quddiem testi hekk cari, hu difficli li wiehed jiddubita mill-ezistenza tax-xitan bhala realta personali. Tinsiex li Gesu’ poggat-tkeccija tax-xitan mill-possessat f rapport ma' l-istess missjoni messjanika tieghu:

"Jekk jiena qieghed inkecci x-xjaten bl-Ispirtu ta' Alla
dan ifisser li waslitilkom is-saltna ta' Alla" (Gw 12:28)
Li tghid li fir-realta mhux veru li Gesu’ kecca x-xitan mill-possessat, tkun qed iddghajjef il-missjoni shiha tal-Messija.

Certament, id-duttrina dwar ix-xitan hija inserita fil-kultura tal-1 Lhud u tal-popli vicini, imma b'daqshekk ma ghandekx tirriduci d-duttrina daqs li kieku kienet semplici kultura.

Gesu’ jitkellem direttament max-xitan fl-ezorcizmi tieghu u mhux possibbli tirriduci dawn l-ezorcizmi ghal semplici fejqan komuni.

Minflok ghaldaqstant ninhlew niddubitaw minn realta hekk cara, ninghaqdu ma' Gerusalemm il-Gdida u nifirhu flimkien:

"Ghalhekk ifirhu smewwiet,

u intom li tghammru fihom.

Hazin ghalikom, ja art u bahar,
Ghax fikom nizel id-Demonju,
b'korla kbirafuqu,
ghax jaf li zmien ftit baqaghlu" (Apok 12:9)

**Testi mit-Testment il-Gdid dwar ix-Xitan**

***Xitan, Satana, Spirti***

| *Mattew* | *Mark* | *Luqa* |
|---|---|---|
| 4: l-11 | 1:13 | 4:l-13 |
| 4:24 | 1:2l-28 | 4:3l-37 |
| 7:22 | 1:32 | 6:18 |
| 8:16 | 1:34 | 7:21 |
| 8: 28-34 | 1:39 | 7:33 |

9: 32-34
10:1
12:22-32
12:43
12:45
13:39
15:22
17:18
25:41

3:11
3:15
3:22-30
4:15
5:l-20
6:7
6:13
7:24-30
8:33
9:14-29
9:38
16:9
16:17

8:2
8:12
8:26-39
9:1
9:37-43
9:49
10:17-20
11:14-26
13:10-17
13:32
22:3
22:31

*Gwanni*
6:70
7:20
8:39-50
10:19-21
13:2
13:27

*Atti*
5:3
5:16
8:7
10:38
13:2-12
16:16-18
19:1l-20
26:18

*Rumani*
16:20

1 *Korintin*
2:12
5:5
7:5
10:14-22
12:10

*2 Korintin*
2:11
11:14
12:7

*Efesin*
4:27
6:10-20

*1 Tessalokin*
2:18

*2 Tessalonkin*
2:l-12

*Lhud*
2:14

*1 Timotju*
1:20
3:6-7
4:1
5:15

*2 Timotju*
2:26

*Gakbu*
2:19
3:15
4:7

*1 Pietru*
3:19

*1 Gwanni*
3:4-10

*Apokalissi*
2:9

| | | |
|---|---|---|
| 5:6-11 | 4:1 | 2:10 |
| | 4:3 | 2:13 |
| | | 2:24 |
| *Guda* | | 3:9 |
| 5-9 | | 9:20 |
| | | 12:l-17 |
| | | 16:13-14 |
| | | 18:2 |
| | | 20:l-10 |
| | | |
| ***Setghat*** | | ***Hakmiet*** |
| Luqa | *Lhud* | Efesin |
| 22:53 | 2:14 | 1:21 |
| | 2:15 | |
| *Rumani* | | *Princpijiet* |
| 8:38 | *Apokalissi* | |
| | 13:2 | *Gwanni* |
| *1 Korintin* | 13:46 | 12:31 |
| | | 14:30 |
| | | 16:11 |
| *EFesin* | | |
| 2:2 | | *1 Korintin* |
| 3:10 | | 2:6 |
| 6:12 | | |
| *Kolissin* | | |
| 1:13 | | |
| 1:16 | | |
| 2:10 | | |
| 2:15 | | |

## ID-DUTTRINA TAS-SANTI PADRI

Nistghu nghidu li s-Santi Padri kollha - qaddisin u teologi ta' l-ewwel sekli tal-Knisja, b'sehem kbir biex hekk giet iffurmata t-Tradizzjoni tal-Knisja - hin jew iehor jitkellmu dwar ix-xitan.

Certament, huma jitkellmu izjed direttament dwar l-angli milli dwar ix-xjaten. Relattivament wiehed kien jistenna li jitkellmu

izjed. Imma kif diga ghedna, id-duttrina dwar ix-xjaten mhix essenzjali, imma hi kollaterali u nitkellmu dwarhom dejjem fid-dawl tar-redenzjoni ta' Kristu.

Naghtu xi ezempji.

S. Injazju minn Antiokija iwissina noqoghdu '1 boghod mill-erezija, ghax din hi qerq tax-xitan (15). Jghid ukoll illi min jaghmel xi haga kontra l-isqof, ikun qed iservi lix-xitan (16). L-ingustizzja jsejhilha "haxixa tax-xitan" (17) filwaqt li l-ghaqda u l-paci huma armi kontra x-xitan (18). Anki t-tbatijiet tal-martirju jqishom bhala kawzati mix-xitan (19).

Erma jghid illi x-xitan jersaq lejn is-servi kollha tal-Mulej biex . jittantahom. Dawn mimlijin bil-fidi,jirrezistulu u allura x-xitan jitbieghed minnhom, ghax ma jhallulux minfejn jidhol. U allura jmur ghand dawk li huma vojta u billi hawn isib minfejn jidhol, li jokkupa darhom u jagixxi fihom kif jixtieq hu... Ix-xitan jista' jiggieled, imma mhux jirbah. Jekk nirrezistulu, ikollu jahrab (20).

S. Gustinu jitkellem diversi drabi dwar ix-xitan. Post l-ohrajn jghid illi fl-antik ix-xjaten kienu jidhru u jivvjolentaw lin-nisa, u dawn tant kienu jibzghu illi fl-injuranza taghhom ma kenuxjaghrfu li dawn kienu xjaten, u kienu jahsbuhom allat (21). Jghid ukoll illi hafna nvazati mix-xitan madwar id-dinja, kif ukoll fit-belt tieghu, kienu ezorcizzati mill-insara fl-isem ta' Gesu Kristu (22).

S. Irinew jitkellem mill-apostasija ta' l-angli ribelli (23). In-nar ta* l-infem ma giex mahluq principalment ghall-bniedem, imma ghal dak li qarraq bil-bniedem (24).
Ix-xitan huwa hiejqa bhal kull hiejqa ohra li jaf il-bidu tieghu (bhala anglu) lil Alla (25) u ghaldaqstant mela m'ghandux setgha fuq il-holqien (26).

Huwa pprova jwaqqa' wkoll lil Gesu, imma fit-tielet tentazzjoni, Gesu jikxef il-veru wicc tieghu ujghidlu: "Itlaq, Satana..." (27). irinew lix-xitan isejjahlu giddieb, qarrieq u qattiel, ghaliex meta ttanta u mexxa lejn id-dizubbidjenza lill-ewwel bniedem, erhieh fidejn il-mewt (28). It-teologija ta' Sant'lrinew fuq ix-xitan hija

cara hafna.

Tertulljanu jghid illi ma kienx Alla li halaq lix-xitan. Huwa halaq anglu sabih, u kien imbaghad, wara li dineb, li sar xitan. U billi kien l-izjed intelligent! fost l-angli, qarraq b'hafna (29). Huwa l-ghajn ta' kull hazen. Jekk Alla huwa optimus (l-izjed tajjeb), ix-xitan huwa l-pessimus (l-izjed hazin). Ma setax jissaporti li Alla halaq il-bniedem xbiha tieghu, u allura pprova mill-ewwel iingannah (30). Huwa l-awtur ta' kull erezija u persekuzzjoni kontra l-insara (31). Anki ghal Tertulljanu, l-angli saru xjaten ghaliex dahlu f’rapport sesswali karnali mal-bnedmin (32). L-istess idolatrija gejja kollha mix-xitan (33). Dak li hu original! f'Tertulljanu hu l-fatt li huwa jtkellem mix-xitan principal!, li dineb minhabba l-ghira li wera lejn Alla, u x-xjaten l-ohrajn, li kif ghedna, dinbu mal-bniedem, idea li Tertulljanu hadha mill-Ktieb ta' Enok (34).

Origene jibbaza t-teologija tieghu izjed fuq l-Iskrittura milli fuq il-Ktieb ta' Enok. Huwa jghid car u tond illi l-ispirti hziena saru hekk minhabba li abbuzaw mil-liberta li Alla tahom (35). Huwa juza l-ismijiet ta' l-istess Bibbja: is-serpent tal-Genesi; Azazel, il-bodbod espjatorju ta' Lev. 16:8; l-ispirtu hazin ta' Sawl (7 Sam 16:14); Satana li jimbotta lil David biex jaghmel ic-censiment (7 Slat. 2:11; Ekk. 10:4); il-princep ta' Tim (Ei 28:1l-19); Lucifru (Is 14:12); il-Hazin (7 G\v 5:19); id-dragun (Gob 40:20); Satana li jittanta lil Gesu (Mt. 4:1); li jimbotta lil Guda ghat-tradiment (<5w. 13:27). Origene jghid ukoll illi x-xjaten huma l-protetturi tas-shahar (36) filwaqt li l-bnedmin huma mharsa mill-angli kustodji (37). Ix-xitan ikompli Origene, huwa mahluq minn Alla, u r-raguni wahdanija tal-waqgha tieghu hija l-kburija u s-suppervja (38). Huwa jissejjah "princep ta' din id-dinja" mhux ghaliex huwa l-padrun, imma ghaliex huma hafna dawk li jimxu warajh (39). L-originalita ta' Origene tinsab filli jemmen li ghal Satana hemm possibilta li jikkonverti fl-ahhar. Fil-fehma tieghu, hu u l-angli hziena kollha ghad jergghu jakkwistaw l-istat originali ta' qabel (40). Ir-rebha finali ta' Kristu fuqu ma tkunx l-annjentament tieghu, imma l-fatt li jikkonverti (41).

Kwazi l-Padri kollha jkomplu jitkellmu dwar ix-xitan, fosthom San Girgor minn Nissa (42), S. Ambrog (43), Ewsebju minn

Cesarija (44), S. Atanasju (45), S. Cirillu minn Gerusalem (46), S. Basilju (47), S. Girgor Nazjanzenu (48), S. Gwann Krizostmu (49), S. Cirillu minn Alessandria (50). Dawn is-Santi Padri jichdu t-teorija li l-angli setghu dinbu man-nisa, u maghhom jinghaqdu wkoll S. Ilarju ta' Potiers (51) u S. Girolmu, li huma can dwan dan: id-dnub ta' l-angli hziena hu dnub tas-suppervja u kburija,u bl-ebda mod dnub karnali, haga impossibbli meta huma spirti mhux tad-demm u l-laham (52). J

Santu Wistin izomm li l-angli kollha huma mahluqin minn Alla; kien wara li Alla halaqhom li whud minnhom dinbu minhabba s- suppervja taghhom (53). Il-Qaddis jehodha qatta bla habel kontra il-Manikej (li darba hu stess kien membru fosthom) li jzommu li jezistu zewg principji: wiehed hazin u l-iehor tajjeb. Wistin jghallem li jezisti hallieq u principju wiehed: u dan hu Alla. Minkejja li l-qaddis ma cahadx kompletament il-possibilta li d-dnub ta' l-angli kien mal-bnedmin, huwa jzomm li fir-realta d-dnub taghhom kien dnub tas-suppervja (54)

Kien imbaghad Kassjanu li jichad definittivament fl-occident id-duttrina taz-zwieg ta' l-angli (55).

Kuntrarju ghal Origene, Wistin ma jammettix il-possibilta’ ta' konverzjoni min-naha tax-xjaten. Ghal dawn mhemmx mahfra (56).

**IX-XJATEN FIL-MAGISTERU TAL-KNISJA**

Tajjeb li naraw ftit x'tghallem iI-Knisja fil-Magisteru taghha dwar dan is-suggett. Naghtu sintesi qasira u hafifa hafna.

Qabel il-Koncilju ekumeniku tal-Lateran IV (1215), ftit huma I-interventi diretti tal-Knisja dwar ix-xitan. Il-Knisja din id-duttrina dejjem emmnitha u ghaldaqstant ftit li xejn hasset il-bzonn li titkellem direttament dwarha. Halliet f'idejn it-teologi biex jizviluppawha b'argumenti msejsin fuq it-testi numeruzi tal-Bibbja. Insibu qabel il-Lateran IV xi dikjarazzjonijiet ta' Konciiji lokali.

Sinodu ta' Kostantinopli (543) -jikkundanna lil dawk li jghidu

li Gesu ssallab mhux biss ghall-bnedmin imma wkoll ghax-xjaten

(DS 409) kif ukoll lil dawk li jahsbu illi l-piena ta' l-infem, sew ghax-xjaten kif ukoll ghal min jintilef mhix etema (DS 411).

Sinodu ta' Braga (563) - kontra l-manikej u l-prixxilljani jishaq fuq il-holqien tax-xjaten bhala angli tajbin (DS 547) kif ukoll kontra min jemmen illi l-gisem taghna hu opra tax-xitan (DS 458,462,463).

L-ewwel test importanti hafna dwar ix-xitan hu dak tal-Koncilju Lateran IV, meta jghid illi Alla halaq mix-xejn dak kollu li jezisti, sew spiritwali kif ukoll materjali jigifieri sew l-angli kif ukoll id-dinja. Lix-xjaten Alla halaqhom tajbin, imma huma nbidlu f'angli hziena. Il-bniedem dineb imbuttat mix-xitan.

Din id-duttrina nsibuha fl-ewwel Kostituzzjoni dommatika tal-Koncilju "De Fide Catholica" (57).

Il-Koncilju ta' Costanza (1415) jikkundanna dak li qal Wycliff, illi Alla kien kostrett jobdi lix-xitan (DS 1156).

Il-Koncilju ta' Trento (1546) jghid illi Adam waqa' taht difrejn ix-xitan, bid-dnub tieghu (DS 1511). Li taghmel id-dnub wara l-Maghmudija jfisser li tinghata f'idejn ix-xitan (DS 1688).

Is-Sant'Uffizzju fl-1687 jikkundanna xi ideat ta' Miguel de Molinos illi kien jghid li x-xitan kien xi drabi jittortura xi erwieh tajbin biex igeghlhom jidinbu (DS 2241).

Il-Koncilju Vatikan I, fil-kostituzzjoni dommatika Dei Filius jirrikonferma l-affermazzjoni central! tal-Lateran IV dwar iL holqien tax-xitan (DS 3002). |

Nistghu f'zewg kelmiet nigbru dak li l-fidi ta' l-insara dejjenr zammet matui is-sekli, u li l-Magisteru ghaIlemJigifieri:

- Satana u x-xjaten gew mahluqin minn Alla bhala angli tajbin;
- huma jaghmlu parti minn "hlejqiet inviziibbli" li ghandhom 'I Alla bhala hallieq;
- il-waqgha taghhom hija att liberu u volontarju;
- il-kastig taghhom huwa etern;

- Satana u x-xjaten jezistu, huma sottomessi ghal Alla u min-natia taghhom qatt ma halqu xejn;

- il-hidma taghhom hi dik li jigbdu l-bniedem lejn id-dnub u I-

hazen, u hub 'dan il-mod li jezercitaw certa qawwa fuq il-
holqien;

- huma pero mirbuhin b 'mod definittiv bil-migja (inkarnazzjoni

u redenzjoni) ta' Gesu Kristu (58).

II-Vatikan 2

Il-Koncilju Ekumeniku Vatikan 11 - li sar fis-snin 1962-1966, u li hu l-XXI koncilju ekumeniku -jitkellem mhux inqas minn 18-il darba dwar ix-xitan: 17-il darba f'testi differenti u darba f'nota. Dan gara minhabba n-natura pastorali tal-Koncilju li ried jaghti wkoll ghajnuna u direzzjoni kontra l-ghadu taghna. Naturalment ma kienx fil-hsieb tal-Koncilju li jaghmel definizzjonijiet dommatici, imma li jenfasizza duttrina li sa minn dejjem kienet meqjusa certa mill-fidili u mill-magisteru tal-Knisja. Interventi izjed diretti dwar ix-xitan isiru madwar sena wara mill-Papa Pawlu VI. Hsibt li ngib it-testi kollha tal-Koncilju biex hekk wiehed ikollu riferenza cara dwar din id-duttrina kif imfissra mill-Koncilju Vatikan 11.

L-Ewwel Test

"Ghalhekk, bhalma Kristu ntbaghat mill-Missier, hekk ukoll huwa baghat lill-Appostli mimlijin bl-Ispirtu s-Santu mhux biss biex waqt li jxandaru l-Evangelju lill-holqien kollu jhabbru li l-Iben ta' Alla bil-mewt u l-qawmien tieghu helisna mis-setgha tax-xitan (ara Arr 26:75) u mill-mewt u dahhalna fis-Saltna tal-Missier, izda wkoll biex din l-opra tal-Fidwa li habbru jwettquha bis-Sagrificcju u s-Sagramenti li madwarhom tinbena l-hajja liturgika kollha". Kostituzzjoni Sacrosanctum Concilium ta' l-4.2.1993, n. 6 {Enchiridion Vaticanum 1:21 u 23; Acta Apostolicae Sedis 1964,56)

It-Tieni Test

"Il-mirakli ta' Gesu wkoll jippruvaw li s-Saltna diga waslet fuq l-art. 'Jekkjiena qieghed inkecci x-xjaten bis-sahha ta' Alla, dan ifisser li waslitilkom is-Saltna ta' Alla' (Lq 11:20; ara Mt 12:28). Izda fuq kollox is-Saltna tidher fl-istess persuna ta' Kristu, Bin Alla u Bin il-bniedem, li gie 'biex jaqdi u biex jaghti hajtu b'fidwa ghall-kotra'"(M^ 10:45).

Kostituzzjoni dommatika Lumen Gentium tal-21.11.1964, n. 5
(Ench.Vat. 1:125 u 127; A.A.S. 1965,7)

It-Tielet Test

"Izda ta' spiss il-bnedmin, imqarrqin mill-hazen ippersonifikat, jintilfu fir-ragunamenti taghhom. Jibdlu l-verita ta' Alla mal-gidba u jservu lill-hlejjaq aktar milli lill-Hallieq (ara Rum 1:21 u 25) Jew inkella jghixu u jmutu minghajr Alla f'din id-dinja u hekk jesponu ruhhom ghall-aghar disperazzjoni".

Kostituzzjoni Lumen Gentium n. 16
(Ench.Vat. 155; A.A.S. 1965,20)

Ir-Raba' Test

"Bil-hidma taghha (il-Knisja), dak kollu li nzara' tajjeb fil-qlub u fl-imhuh tal-bnedmin Jew fir-riti u l-kulturi proprji tal-popli mhux biss majintilifx izda jissaffa, jitgholla u jkun ipperfezzjonat u hekk Alla jissebbah, ix-xitan jithawwad u l-bniedem jithenna",
Kostituzzjoni Lumen Gentium n. 17
(Ench.Vat. 1:157; A.A.S. 1965,21)

Il-Hames Test

"Huma (l-insara) jkunu qeghdin juru rwiehhom bhala wiled il- \ weghda jekk qawwijin fil-fidi u fit-tama jinqdew tajjeb mill-bin ta' issa (ara Ef 5:16; Kol 4:5) u jistennew bis-sabar il-glorja li ghad trid tigi (ara Rum 8:25). Din it-tama m'ghandhomx jahbuha fqalbhom, izda b'konverzjoni kontinwa u b'taqbida 'kontra I-princpijiet ta' din id-dinja ta' dlamijiet, kontra l-ispirti hziena' (Ef6:12) ghandhom ifissmha fl-istrutturi tal-hajja sekulari".

Kostituzzjoni Lumen Gentium n. 35
(Ench.Vat. 1:197; A.A.S. 1965,40)

Is-Sitt Test

"Ghalhekk 'sakemm indumu mlibbsa b'dan il-gisem, nibqghu '1 boghod mill-Mulej (2 Kor 5:6) u ahna li ghandna l-ewwel frott ta' l-Ispirtu ahna wkoll nitniehdu fina nfusna (ara Rum 8:23) u nixtiequ li nkunu ma' Kristu (ara Fil 1:23). Hija l-istess karita li ggeghlna nghixu dejjem izjed ghalih li miet u rxoxta ghalina (ara 2 Kor 5:15). Ghalhekk ahna nfittxu li noghgbu '1 Mulej fkollox (ara 2 Kor 5:9) u nilbsu l-armatura ta' Alla biex inkunu nifilhu nieqfu ghat-tnassis tax-xitan u nieqfu fi zmien il-hazen (ara Ef 6:1l-13)".

Kostituzzjoni Lumen Gentium n. 48

{Ench. Vat. 1:227; AA.S. 1965, 54)

Is-Seba' Test

"Dawn l-ewwel dokumenti, kifjinqraw fil-Knisja u jinftiehmu fid-dawl tar-rivelazzjoni aktar shiha li giet wara, iqieghdu fdawl aktar car ix-xbiha tal-mara, Omm il-Feddej. F'dan id-dawl hi diga msemmija profetikament il-weghda, maghmula lill-ewwel genituri wara li waqghu fid-dnub, li s-serpent kellujkun mirbuh (ara Gen 3.15)

Kostituzzjoni Lumen Gentium n. 55

{Ench. Vat. 1:239; AA.S. 1965, 59)

It-Tmien Test

"Ghaliex bil-fidi u l-ubbidjenza taghha iggenerat fuq l-art l-istess Iben tal-Missier minghajr ma gharfet ragel, imma taht id-dell ta' l-Ispirtu s-Santu, bhal Eva gdida, emmnet mhux lis-serpent il-qadim iida Ull-habbdr ta' Alla u emmnitu b'fidi mhux mittiefsa mid-dubju".

Kostituzzjoni Lumen Gentium n. 63

(Ench. Vat. 1:249; AA.S. 1965, 64)

Id-Disa' Test

"Ghalhekk tefghu fil-genb 'l-armi tad-dinja' (ara 2 Kor 10:4;

1 Tess 5:8-9), imxew fuq l-ezempju ta' Kristu gwejjed u rzin, u xandru l-kelma ta' Alla b'fiducja shiha fil-qawwa divina ta' din il-kelma biex teqred is-setghat ghedewwa ta' Alla (ara Ef. 6:1l-17) u twassal il-bnedmin biex jemmnu u biex iservu '1 Kristu(aB' 2 Kor 10:3-5). |

Dikjarazzjoni fuq il-Liberta Religjuza Dignitatis Humanaetas-7.12.1965 n. 11
(Ench. Vat. 1:599; A.A.S. 1965,938)

L-Ghaxar Test

"Izda Alla, biex iwaqqaf il-paci jew, fi kliem iehor, il. komunjoni bejnu u l-bnedmin, u biex isawwar ghaqda ta' l-ahwa bejn il-bnedmin kollha - bnedmin li huma midinbin - iddegrieti li jidhol b'mod gdid u definittiv fil-grajja tal-bnedmin. Dan ghamlu billi baghat lil Ibnu b'gisem bhal taghna biex permezz tieghu jehles 'il bnedmin mill-hakma tad-dlam u tax-xitan (ara Kol: 1:13; Atti 10:38) u fih jerga' jhabbeb il-holqien mieghu nnifsu (ara, 2 Kor 5:19)" I

Digriet Ad Gentes dwar l-Attivita Missjunarja tas-7.12.196l
n.3
(Ench. Vat. 1:611 u 613; A.A.S. 1966, 948-949)

Il-Hdax-il Test

"L-attivita missjunarja m'hi xejn anqas jew ghajr mill-manifestazzjoni jew l-epifanija u r-realizzazzjoni tal-pjan ta' Alla fid-dinja u fl-istorja taghha li fiha Alla jtemm bid-dieher, permezz tal-missjoni, l-istorja tas-salvazzjoni. Il-hidma missjunarja, permezz tal-kelma tal-predikazzjoni u tac-celebrazzjoni tas-sagramenti, li ghandhom bhala centru u quccata taghhom l-Ewkaristija Mqadda, taghmel prezenti fid-dinja lil Kristu awtur tas-salvazzjoni. Kull hjiel ta' verita u grazzja li kien diga jinsab fost il-pagani qisu prezenza mohbija ta' Alla, b'din il-hidma

jinheles minn kull tingiz tal-hazen u jinghata lura lill-awtur tieghu,

Kristu, li jeghleb is-saltna tax-xitan u jbieghed il-malizzja taht hafna forom tad-dnub. Ghalhekk it-tajjeb kollu li nzera' f'qalb jew f'mohh il-bnedmin jew fir-riti u l-kulturi tal-popli mhux biss ma jintilifx izda jitfejjaq, jintrefa' u jipperfezzjona ruhu ghall-glorja ta1 Alla, ghall-konfuzjoni tax-xitan u ghall-hena tal-bnedmin".

Digriet Ad Gentes n. 9
(Ench. Vat. 1:629; A.A.S. 1966, 958)

It-Tnax-il Test

"Dawk li qalghu minn Alla, permezz tal-Knisja, il-fidi fi Kristu, ghandhom jintlaqghu fil-katekumenat b'cerimonji liturgici... Aktar tard il-katekumeni, mehlusin permezz tas-sagramenti tal-bidu tal-hajja nisranija mill-hakma tad-dlam (19) - (in-nota hija l-oggett tat-test li jmiss n. 13) midfunin fil-mewt ma' Kristu u mqajmin mieghu mill-mewt (ara Rum 6:4-11; Kol 2:12-13; 1 Piet 3:2l-22; Mk 16:16) jircievu l-ispirtu ta' l-adozzjoni ta' wlied Alla (ara / Tess 3:5-7; Am 8:14-17) u jiccelebraw mal-poplu ta' Alla t-tifkira tal-mewt u tal-qawmien mill-mewt tal-Mulej".

Digriet Ad Gentes n. 14
(Ench. Vat. 1:639; A.A.S. 1966,962-963)

It-Tlettax-il Test

Attenzjoni: Din hija Nota li nsibuha fl-Ad Gentes fin-numru 14 (19).

"Dwar dan il-helsien mill-jasar tax-xitan u tad-dlamijiet, fl-Evangeiji ara Mt 12:28; Gw 8:44; 12:31 (ara 1 6w 3:8; Ef2:l-2). Fil-Liturgija tal-Maghmudija cf. Rit.Rum".
(Ench. Vat. 1:638, nota 19; A.A.S. 1966, 963 nota 19)
bhal u daqs fl-imghoddi l-importanza ta' din il-funzjoni specifika fi hdanha (78).
Dwar dan ikollna cans nitkellmu u nikkummentaw izjed fid-dettal.

Fil-Missal Ruman ta' l-1970, fil-quddies tal-mejtin, gheb kull riferiment ghax-xitan. It-talb ta' qabel seta' jaghti l-impressjoni li l-istess erwieh tal-mejtin setghu ikunu vittma tax-xitan (79). It-testi l-godda jpoggu l-fiducja shiha fil-hniena ta' Kristu.
Ghebu wkoll ir-riferimenti ghax-xitan fit-Talbiet tal-XV u XVII-UHadd wara l-Pentekoste u dawk tal-V Hadd tar-Randan u Hadd U-Palm.

Min-naha l-ohra mbaghad, tissemma l-glieda u r-rebha kontra s-serpent fil-Prefazju gdid ta' l-Ewwel Hadd tar-Randan.
Fil-Vgili ta' l-Ghid zdiedet ic-Cahda li ssir tax-Xitan **bil-**Weghdiet tal-Maghmudija.
Fir-Rit il-Gdid tal-Griima tal-Morda, gie mholli barra x-xitan, filwaqt li fir-Pit tal-Maghmudija thallew barra l-ezorcizmi ta' l-imghoddi. Certament isir talb biex it-tarbija tigi mehlusa mill-qawwa tad-dlamijiet, imma m'hemmx aktar l-insinwazzjoni li din hi mahkuma mid-demonju.
Izjed cari huma r-riferimenti ghax-xitan u t-tnassis tieghu fir-Rit ta' l-Iniz.jazz.joni Nisranija ta' l-Adulti (Maghmudija u Grizma).
Fir-Rit tal-Penitenza (Qrar) ghandna talba fejn tissemma l-glieda tax-xitan kontrina permezz tad-dnub.
Jidher car illi fir-Riforma Liturgika l-Knisja xtaqet izzomm quddiem ghajnejha:
a) li tkun eliminata l-karika eccessiva, drammatika u emottiva
ta' l-ezorcizmi antiki li konna nsibu f'talb liturgiku wkoll;
b) gie wkoll evitat li wiehed jahseb li jezistu zewg saltniet
ugwali ghal xulxin. Ir-rebha ta' Kristu hija diga fostna u Kristu hu u ghandu jibqa' c-centru ta' i-istorj'a tai-Helsien;

c) saret enfasi ikbar fuq il-messagg central! nisrani, izjed milli
fuq il-biza' ta' i-infem. Ic-centraiita tinsab fil-ferh u l-fiducJ'a
fi Kristu Rxoxt (80).

Wiehed irid jara pero Jekk ir-riforma liturgika marritx issa fl-
estrem l-iehor. Dwar dan nitkellmu aktar 'il quddiem.

**II-Katekizmu tal-Knisja Kattolika**

Il-Katekizmu tal-Knisja Kattolika, ippubblikat fil-11 ta' Ottubru 1992, jitkellem diversi drabi dwar ix-xitan. Hsibt li tkun haga tajba jekk ingibu n-numri l-izjed importanti biex hekk ikollna quddiem ghajnejna stampa kompluta ta' dak li tghallem il-Knisja Kattolika (81).

Numru 391

"L-ghazia ta' dizubbidjenza li ghamlu I-ewwel genituri taghna kellha warajha lehen qarrieq kontra Alla (ara Gen 3:5-4) li, ghall-ghira, waqqaghhom fii-mewt (ara Gherf 2:24). L-Iskrittura u t-TradizzJ'oni tal-Knisj'a f'dan il-iehen jaraw lehen ta' anglu li waqa', imsejjah Xitan Jew demonju (ara Gw 8:44; Apok 12:9). II-Knisja tghallem li dan, qabel, kien anglu tajjeb, mahluq minn Alla. "Ix-xitan u x-xjaten l-ohra gew mahluqin minn Alla tajbin fin-natura taghhom, izda kienu huma stess li saru hziena".

Numru 392

"L-Iskrittura titkellem dwar dnub ta' l-angli (ara 2 Piet. 3:4). Din il-waqgha kienet ghazla hielsa ta' dawn l-ispirti mahluqa li cahdu 'I Alla u s-Saltna tieghu b'mod radikali u b'mod li ma setghux jergghu lura minnu. Insibu rifless ta' dan i-irvell kontra Alla fil-kliem ta' dak li garrab lill-ewwel genituri taghna; "Issiru bhal Alla" (Gen3:5)', Ix-xitan "dineb sa mill-bidu" (1 6w 3:8); hu "missier il-gideb" (Gw 8:44).

Numru 393

"Id-dnub ta' l-angli ma jistax jinhafer, mhux minhabba xi nuqqas tal-hniena bla qjies ta' Alla, imma ghaliex l-ghazla taghhom saret b'mod li ma setghux lura minnha. "Ma hemmx soghba ghalihom wara l-waqgha, kif ma hemmx soghba ghall-bnedmin wara l-mewt" (San Gwann

Damaxxenu).

Numru 394

"L-Iskrittura tixhdilna x'influwenza hazina ghandu dak li Gesu sejjahlu "qattiel sa mill-bidu" (Gw 8:44) u li pprova wkoll idawwar lil Gesu mill-missjoni li fdalu l-Missier (ara Mt 4:11). "Kien ghalhekk li deher l-Iben ta' Alla, biex ihott kull ma ghamel ix-xitan, minhabba l-konsegwenzi li gieb, l-aghar kien il-qerq giddieb li bih wassal lill-bniedem biex jikser l-ordni ta' Alla".   , '

Numru 395

- "Izda l-qawwa tax-xitan m'hijiex bla qies. Hu biss hliqa, setghani ghax spirtu pur, imma dejjem hliqa; ma jistax iwaqqaf il-bini tas-Saltna ta' Alla. Jaghmel x'jaghmel ix-xitan fid-dinja b'mibeghda ghal Alla u ghas-Saltna tieghu fi Kristu, u kbar kemm huma kbar il-hsarat li taghmel il-hidma tieghu - hsarat ta' natura spiritwali u, indirettament, ta' natura fizika wkoll - lil kull bniedem u lis-socjeta, il-hidma tieghu tippermettiha l-Providenza ta' Alla, li bil-qawwa u bil-hlewwa tmexxi l-istorja tal-bniedem u tad-dinja. Hu misteru kbir li Alla jippermetti l-hidma tax-xitan, izda "ahna nafu li Alla ma' dawk li jhobbuh f'kollox jahdem id fid ghall-gid taghhom" (Rum 8:28).

Numru 538

Dan in-numru jitkellem mix-xitan li jittanta lil Gesu fid-dezert. Ix-xitan jitlaq minn hdejh "sa ma jasal il-waqt" (Lq 4:13).

Numru 539

Gesu - jghid il-Katekizmu - jirbah lix-xitan, f'kuntrast ma' Adam il-qadim ]i ntrebah mit-tentazzjoni. Gesu rabat "il-wiehed qawwi" biex jehodlu l-priza (ara Mt 3:27).

Numru 540

Il-Knisja tinghaqad kull sena, bl-erbghin jum tar-Randan, mal-misteru ta' Gesu fid-dezert.

Numru 635

Kristu nizel fil-limbu biex "b'mewtu jeqred is-setgha ta' dak li kellu l-mewt f'idejh, jigifieri x-xitan u jehles lil dawk kollha li minhabba fil-biza' tal-mewt, kienu mjassrin ghal ghomorhom kollu" (Lh 2:14-15).

Numru 1086

Kif il-Missier baghat lil Gesu, hekk Gesu baghat lill-AppostIi biex jaghtu l-Ahbar it-Tajba li ahna Ikoll mehlusin mill-hakma tax-xitan.

Numru 1237

"Ghaliex il-Maghmudija hi helsien mid-dnub u mix-xitan li jhajjar ghad-dnub, fic-celebrazzjoni tal-Maghmudija jinghad eiordimu Jew aktar minn eiorciimu wiehed fuq il-kandidat ghas-sagrament. Dan jindilek biz-zejt tal-katekumeni Jew inkella c-celebrant iqieghed idu fuqu, u hu jichad esplicitament ix-xitan. Imhejji b'dan il-mod, jista' jistqarr il-fidi tal-Knisja li lilha se "jigi fdat" permezz tal-Maghmudija (ara Rum 6:17)"1.

Numru 1673

" Meta l-Knisja titlob pubblikament u b'awtorita,

risem Gesu Kristu, biex xi persunajew xi haga
tigi mharsa mit-theddid tal-Hazin Jew tigi
mwarrba minn taht is-setgha tieghu, dan jissejjah
eiorciimu. Kristu dan ghamlu (ara Mk 1.25s) u
minn ghandu l-Knisja rceviet is-setgha u d-dmir
li tezorcizza (ara Mk 3:15; 6:7-13; 16:17).
F'sura semplici l-ezorcizmu dejjem isir waqt ic-celebrazzjoni tal-Maghmudija. L-ezorcizmu solenni jew l-ezorcizmu l-kbir" jista' jsir biss minn sacerdot u bil-permess ta' l-isqof. Wiehed
irid juza l-ghaqal kollu u jhares bir-reqqa kollha r-regoli li ghamlet il-Knisja.
L-ghan ta' l-ezorcizmu hu li jkecci x-xjaten jew jehles minn
taht is-setgha tax-xitan u dan bis-sahha ta' l- awtorita spiritwali li Gesu ried jafda lill-Knisja tieghu. Il-mard, l-aktar dak tal-mohh (psikiku),
hu haga ghal kollox different! li tinteressa x-xjenza medika. Hu ghalhekk importanti hafna, qabel ma wiehed jiccelebra ezorcizmu, li jkun
zgur dwar il-prezenza tal-Hazin u mhux li jkun xi kaz ta' mard".

Numru 1708

"Bil-Passjoni tieghu Kristu helisna mix-Xitan u mid-dnub...".

Numru 2113

"Hi idolatrija meta l-bniedem flok lil Alla jaghti
gieh u qima lil xi haga mahluqa, li tista' tkun xi
Alla falz jew ix-xitan (is-satanizmu), Jew xi
setgha...".

Numru 2115

"Alla seta' jirrivela l-gejjieni lill-profeti jew lil
xi qaddisin ohra. Izda l-qaghda nisranija vera hi
dik li wiehed jafda lilu nnifsu b'fiducja shiha
f'idejn il-Providenza ta' Alla f'dak kollu li
ghandu x'jaqsam mal-gejjieni u jhalli fil-genb
kull kurzita fiergha dwar dak li ghad jista' jigri.
In-nuqqas ta' hsieb ghall-gejjieni jista' jkun
nuqqas ta' responsabbilta".

Numru 2116

"Is-suriet kollha tat-tehbir ghandhom jigu mwarrba; titlob l-ghajnuna tax-Xitan Jew ta' xjaten ohrajn, issejjah il-mejtinjew taghmel kull sura ta' ghemil iehor li tahseb li bih tista' "tikxef il-gejjieni (ara Dewt 18:10; 6er 29:8); tistharreg il-gejjieni permezz ta' l-oroskopji, ta'

l-astrologija, tal-kiromanzija, tara f'xi fatti thabbir ta' dak li se jigri Jew taqra x-xorti ta' xi hadd, tinqeda b'dawk li jippretendu li jaraw car dak li hu '1 boghod fiz-zmien u fl-imkien, titlob l-ghajnuna ta' dawk li jippretendu li huma mezz biex isiru s-sharijiet Jew biex tkellem il-mejtin: dan l-ghemil kollu juri li wiehed irid jahkem iz-zmien, l-istorja u fl-ahhar l-istess bnedmin u fl-istess hin juri x-xewqa li jhabbeb mieghu setghat mohbija. Dan kollu jmur kontra l-gieh u r-rispett li ghandu jkollna ghal Alla wahdu, flimkien mal-biza' kollha mhabba, lejh".

Numru 2117

"L-ghemejjel kollha tas-seher u tal-maghmul li bihom wiehed jippretendi li jgieghel joqoghdu ghalih setghat mohbija biex jaqduh, ha jkollu setgha soprannaturali fuq ghajru - ukoll biex jaghtih sahhtu - huma kuntrarji b'mod tassew gravi ghall-virtu tar-religjon. Dan l-ghemil hu wisq aktar ta' min jikkundannah meta hemm il-hsieb li ssir hsara lil haddiehorjew metajintalab l-indhil tax-xjaten. L-uzu ta' l-amuleti, ta' xi haga li wiehed igib fuqu biex tehilsu minn xi ghajn jew minn xi maghmul, hu wkoll ta' min jistmerru. L-ispiritizmu spiss ihaddan fih tehbir u ghemil ta' sharijiet. Il-Knisja ghalhekk twissi lill-insara biex iharsu ruhhom minn dan kollu. M'hijiex xihaga tajba u ta' minjapprovaha l-uzu ta' xi prattika medika tradizzjonali biex isejjah is-setghat tal-hazen Jew biex tipprofitta mill-

kredulita tan-nies".

Numru 2482

"U-gideb hu diskors mhux veru li jsir bi hsieb li tqarraq. Il-Mulejjara fil-gideb ghemil tax-xitan: "Intom gejjin minn missierkom li hu x-xitan... il-verita ma tinsabx fih. Meta jigdeb jkun qieghed jitkellem talli hu, ghax hu giddieb u missier il-gideb" (Gw 8:44)

Numru 2538
Dan in-numru jitkellem fuq l-ghira. U jghidilna: "Hu minhabba l-ghira tax-xitan li l-mewt dahlet fid-dinja (ara Gherf. 2:24)

Numru 2539

"Santu Wistin fl-ghira kien jara d-dnub proprju tax-xitan" (De catechiz.andis rudibus 4,8).

Numru 2850

"L-ahhar talba tal-Missiema tinsab ukoll fit-talba ta' Gesu: 'Ma nitolbokx li twarrabhom mid-dinja, imma li tharishom mill-Hazin' {dw 77.-75)".

Numru 2851

F'din it-talba d-deni m'huwiex xihaga astratta, imma hu persuna, ix-Xitan, il-Hazin, l-anglu li hadha kontra Alla. Ix-xitan, "diavolo", diabolos, dak li 'jehodha kontra l-Pjan ta' Alla', l-'opra tas-salvazzjoni', li sehhet fi Kristu

Numru 2852

"Qattiel sa mill-bidu, giddieb u missier il-gideb" (Gw 8:44), "ix-Xitan, il-qarrieq tad-dinja kollha

(Apok 12:9), dahhal id-dnub u l-mewt fid-dinja u b'rebha shiha fuqu l-holqien kollu jigi 'mehlus mid-dnub u l-mewt'. Ahna nafu li kull min hu mwieled minn Alla majidnibx, imma l-Iben ta' Alla jharsu mid-dnub, u l-Hazin ma jmissux b'idejh. Nafu li ahna gejjin minn Alla u li d-dinja kollha qieghda taht idejn il-hazin" (7 G\v 5:18-19). Sant'Ambrog jghid: "il-Mulej li nehhieiek id-dnub tieghek u hafiriek htijietek, iharsek ukoll u jehilsek mill-qerq tax-xitan li jgarrbek, biex l-ghadu li mdorri johloq il-htija majehdokx ghal ghameda. Minjafda f'Alla majibzax mix-Xitan. 'Jekk Alla maghna, min jista' jkun kontra taghna?' {Rum 8:31)
De Sacramentis 5,30: PL 16, 454AB

Numru 2853

"Ir-rebha fuq il-"princep ta' din id-dinja" nkisbet darba ghal dejjem fis-siegha li fiha Gesu ta lilu nnifsu ghall-mewt biex jaghti l-Hajja lilna. Isehh imbaghad il-gudizzju ta' din id-dinja u l-princep ta' din id-dinja' {Gw 14:10) 'jitkecca '1 barra' (Gw 12:31; Apok 12:11). 'Jitlaq wara l-Mara' (ara Apok 12:13-16), izda ma ghandux setgha fuqha: Eva l-gdida, 'mimlija bil-grazzja' ta' l-Ispirtu s-Santu, hi hielsa minn kull dnub u mit-tahsir tal-mewt (L-Imnissla bla Tebgha u Mtelgha s-Sema bir-ruh u l-gisem, l-Imqaddsa Vergni Marija Omm Alla)'. U d-dragun imtela bil-korla ghall-Mara u mar biex jaghmel gwerra mal-bqija ta' nisilha {Apok 12:17). Hu ghalhekk li l-Ispirtu u l-Knisja jitolbu: 'Ejja Mulej Gesu!'

{Apok 22:17-20), ghax il-Migja. tieghu tehlisna mill-Hazin".

Numru 2854

"Meta nitolbu l-helsien mill-Hazin, nitolbu wkoll

li nkunu mehlusa minn kull deni ta' l-imghoddi
u tal-gejjieni, deni li gej minn dak li jhajjar
ghalih".

Kit wiehed jista' jara, id-duttrina dwar ix-xitan fil-Katekizmu tal-Knisja Kattolika hija cara u ma tnissilx dubji. Kif ser naraw, diversi teologi moderni nisslu bosta konfuzjoni fl-imhuh. Imma ideat ii ma jaqbiux mad-duttrina tal-magisteru ordinarju tal-Knisja ghandhom jitqiesu bhala perikuluzi.

Ghall-kompletezza tas-suggett, naghtu harsa hafifa lejn kif jahsbuha certi teologi.

## TEOLOGI MODERNI JIDDISKUTU X-XITAN

M'ahniex se nitrattaw ix-xitan fit-teologija tradizzjonali, fejn nistghu nghidu li ma nsibux diffikultajiet partikulari ghaliex hija duttrina li kulhadd kien izommha. Biex naghtu xi ftit ezempji, fis-seklu IX, **Alkwinu ta' York** jistaqsi ghaliex id-dnub tax-xitan ma jinhafirx, u jwiegeb li hemm differenza bejn dak tal-bniedem u tax-xitan. Filwaqt li l-bniedem kien ittantat, ix-Xitan dineb bil-kunsens shih tal-volonta tieghu, mgharrqa fis-suppervja (82).

**San Pier Damiani** jghid illi x-xitan hu talment hazin, **li ma** jistax ikun li jsir izjed (83).
L-istess hsieb insibu **fSant'Anselmu d'Aosta, S. Bernard,** Ugo **di San Vittore, Pietro Lombardi, Pietro Comestor** (84).
Ghal S. **Bonaventura,** l-angli kollha kienu mahluqin liberi u tajbin. Kienet is-suppervja li waqqghet lil Satana u shabu. L-ambizzjoni taghhom kienet li jissuperaw '1 Alla u ma jibqghux izjed dipendenti minnu (85).
Anke ghal **Sant'Albert il-Kbir** id-dnub ta' Satana kien is-suppervja (86). Imma duttrina sistematika u organika dwar ix-xitan insibuha **f'San Tumas d'Aquino** u fil-Beatu **Gwanni Duns Scotus** (87). Ta' min isemmi wkoll lit-tejologu **F. Suarez** li jiddedika l-kotba VII u VIII tat-trattat tieghu *De Angelis* ghad-demonologija. Interessanti l-hsieb tieghu dwar id-dnub ta' Satana. Huwa jghid illi d-dnub kien il-pretensjoni ta' ghaqda ipostatika mal-Verb. Kienet haga xierqa ghal Lucifru li l-Verb jinghaqad mhux mal-gisem

tal-bniedem imma man-natura tieghu, hekk sabiha u eccellenti. Il-fatt li dan ma sehhx holoq mibeghda fih lejn Alla (88).

**It-Teologi Moderni**

Bla dubju ta' xejn, l-ikbar attakk fin tax-xitan fiz-zmenijiet tal-lum hu dak li fixkel lil diversi teologi u geghlhom jiddubitaw mill-ezistenza tieghu.

Diga fl-1940, **Dr Rudolf Bultmann,** wiehed mill-aqwa teologi protestanti ta' zmienu, beda jimbotta biex it-Testment il-Gdidjigi demitologizzat (imnaddaf mill-mitologija li kienet tlibbsu). Baqghet famuza l-espressjoni tieghu: "Mhux possibbli tuza d-dawl elettriku u r-radju,jew tirrikorri f'kaz ta' mard ghall-invenzjonijiet medici u klinici modemi, u fl-istess hin tibqa' temmen fid-dinja ta' l-ispirti u tal-mirakli kif insibuhom fit-Testment il-Gdid" (89).

Issib min jghidiek li llum angli u xjaten ma jsibux posthom fis-"*Secular City",* l-ambjent modern tal-lum. **Bonhoeffer** kien tkellem zmien ilu minn *"kristjanezmu minghajr religjon".* Smajna kemm-il darba lil min jitkellem dwar *"il-mewt ta' Alla".* Certament ma setax jonqos li f'dan l-ambjent jinholqu wkoll teologi li jitkellmu *mill-"mewt tax-xitan".*

Imma fir-realta x'inhuma l-veri motivi li mbuttaw lil diversi teologi biex joholqu diskussjoni teologika li tpoggi fid-dubju l-ezistenza personifikata tax-xitan?

L-ewwel motiv hu l-fatt li d-duttrina dwar ix-xitan u xjaten fil-messagg nisrani mhix centrali imma marginali biss, jew ahjar kollaterali. Bla dubju ta' xejn dan huwa veru, imma b'daqshekk ma jfissirx li ghax id-duttrina hija marginali, allura mhix vera.

Motiv iehor huwa l-influss li kellha t-teologija bl-istudji ta' religjonijiet ohrajn. Bosta ideat dwar ix-xitan fil-Bibbja nsibuhom f'religjonijiet ohrajn li kienu jezistu sa minn qabel l-istess Bibbja. Naturalment, hafna minn dawn l-ideat xorbuhom ukoll il-Lhud u l-istess insara li ghexu f'kulturi differenti.

Ma nistghux lanqas hawn nichdu li d-duttrina dwar ix-xjaten fil-Bibbja hi mlibbsa bil-kulturi tad-diversi popli u religjonijiet. Hu hawn li wiehed irid ioqghod attent biex jaghrafjifred dak li hu lingwagg figurattiv biss u dak li hu messagg bibliku. Tkun bluha jekk ma' l-ilma mahmug narmu wkoll *il-baby*

Motiv iehor hija l-ermenewtika tat-testi biblici (l-interpretazzjoni vera taghhom), specjalment wara zvilupp fix-xjenzi naturali u umani. Hekk, bhala ezempju, wara zviluppi fil-psikjatrija u parapsikologija, wiehed jasal biex jezamina ahjar l-ezorcizmi li Gesu kien jaghmel (90). Inbaxxu rasna

naturalment quddiem dawn ix-xjenzi, imma nizbaljaw jekk temi spiritwali nippruvaw inholluhom bil-kriterji tax-xjenza u mhux b'dawk tal-fidi.

Minhabba dawn il-motivi, certi teologi bdew jiddubitaw mill-ezistenza personali tax-xitan kif ukoll mid-dnub tieghu. Minhabba konfuzjoni li bdiet tinqala' fi hdan il-Knisja, diversi drabi - kif diga rajna - il-Knisja hasset il-bzonn li tintervjeni, kif ghamlet, bhala ezempju, wara l-pubblikazzjoni **tal-Katekizmu Olandiz** fl-1966, fejn il-problematika dwar l-angli u x-xjaten thalliet kompletament barra.

Fost it-teologi l-aktar importanti li poggew fid-dubju l-ezistenza personali tax-xjaten, insemmu lil:

**Schoonenberg P.** - f'xi pubblikazzjonijiet tal-1962 u 1964, b'mod mghaggel ipoggi f'diskussjoni l-ezistenza ta' l-angli u x-xjaten. Fl-1972 jistqarr illi, wara studji li ghamel, ma rnexxilux isib twegiba, la pozittiva u lanqas negattiva ghad-domanda tieghu, minkejja li r-risposta tar-rivelazzjoni tidher l-aktar probabbli (91).

**Duquoc C.** - fl-1966, jghid illi hija legittma d-domanda jekk ix-xitan hux figura immaginarja li hloqnieha ahna biex inhollu l-Problema tal-hazen, Jew inkella hix *"persuna, sovrumana, spiritwali, responsabbli, qabel id-dehra tal-bniedem fuq l-art, b'mohh lucidu ghall-ahhar".* Hu jghid illi l-kwistjoni trid tinhall bil-mod permezz tal-kuxjenza ekklesjali, b'fedelta lejn il-Bibbja u lejn il-magisteru ordinarju tal-Knisja (92).

**Kelly H.A.** - fl-1968 jghid illi parti kbira mid-demonologija li zviluppat fil-Knisja m'ghandhiex vera bazi teologika serja. Il-figura ta' Satana fil-Bibbja hija mlibbsa b'hafna folklor taz-zmien, u l-kuntatt ma' filosofiji u kulturi ohrajn idghajfu din il-figura, ukoll jekk sata' kellha importanza fil-passat. Li nkomplu naccettaw dawn l-ideat daqslikieku kienu essenzjali ghar - rivelazzjoni divina, inkunu qed niskreditaw il-messagg nisrani shih. Ukoll jekk hu possibbli li l-ispirti hziena jezistu, illum dan ma jidhirx li hu probabbli; jezistu jew ma jezistux, mhux daqshekk importanti li temmen fihom biex tholl il-problemi umani. Meta wiehed iqis - jghid **Henry Ansgar Kelly** - id-dannu li pprovoka t-twemmin fihom fil-passat lill-messagg nisrani, minhabba l-post prominenti li tajniehom, ikun wisq ahjar jekk nagixxu daqslikieku ma jezistux, sakemm l-ezistenza taghhom ma tigix imposta (93). Il-ktieb ta' **Kelly** *The Devil, Demonology and. Witchcraft* (New York) ippubblikat fl-1968, qajjem flimkien mal-kotba ta' **Haag** dubji serji dwar l-ezistenza tax-xitan.

**Haag Herbert** - huwa forsi l-awtur li radikalment izjed minn ohrajn jopponi l-ezistenza tax-xitan u bil-kotba tieghu pprova jaghtih id-daqqa mortali. L-

ewwel ktieb tieghu *Abschied vom Teufel* hareg fl-1969. Fl-1974 johrog it-tieni volum bl-isem ta' *Teufelsglaube* (94). Fl-1978 flimkien ma' K. & **W. Elliger** jippubblika volum iehor bl-isem ta' *Vor Dem Bosen ratios?* (Munchen-Zurich 1978). **Haag** hu professur tat-Teologija antico-testamentarja fl-Universita ta' Tubingen, bi preparazzjoni teologika soda u biblika. Ghaldaqstant dan ma setax ma jhallix influwenza fuq teologi ohrajn. Fid-9 ta' Gunju 1971, il-*Kongregaz^joni ghad-Dutrina tal-Fidi* harget reskritt dwar il-hsieb ta' **Haag.**

skond **Haag,** mill-Iskrittura m'ghandniex kunsens unanimu dwar l-ezistenza personali tax-xitan. Il-fidi - skond l-awtur -takkwista tista', u mhux titlef.jekk tirrifjuta li tikkunsidra izjed lix-xitan bhala realta personali, ghaliex hekk tkun tista' tipprezenta l-Ahbar it-Tajba ta' Gesu f'dimensjoni izjed awtentika ta' ferh u ta' mhabba (95).

**Concilium** - ir-rivista teologika intemazzjonali, tiddedika l-faxxiklu n. 3 fl-1975, ghall-problema tax-xitan, u fil-fatt izzomm it-tezi ta' **Haag.** Ikkollaboraw fiha **Edgar Hanlotte, Dirk Cornelis Mulder, Meinrad Limbeck, Karl Kertelge, Claude Gerest, Charles Meyer, Johannes Mischo, Willi Oelmuller, Jean-Pierre Jossua, Bruno Borchert** (96).

**Meyer** C. -jghid li hadd ma jinnega li fid-dinja hawn il-hazen, u x-xitan nistghu inqisuh il-personifikazzjoni ta' dan il-hazen li hawn madwama izjed milli xi agent personali u responsabbli ta' dan il-hazen. Il-fidi tal-passat fl-ezistenza tax-xitan wettqet rwol integranti, imma bl-ebda mod essenzjali fl-izvilupp ta' certi dommi (97).

**Kasper W. - Lehmann K.** - fl-1978 johorgu l-ktieb taghhom fejn jghidu li jkun ahjar jekk ma nitkellmux izjed mix-xitan bhala persuna. Dan hu lingwagg li jista' jhawwadna. Ix-xitan - jghid **Kasper** - huma persuna in kwantu mhux-persuna (98). II-lingwagg li uzajna s'issa jista' jghaddi fil-pastorali u l-letteratura, imma mhux bhala hsieb kritiku - ikompli **Lehmann** (99).

Quddiem id-dubji tat-teologi, ma niskantawx li **l-Papa Pawlu VI** fl-1968, jaghmel f'isem il-Knisja, *Il-Professjoni tal-Fidi,* fejn fost l-ohrajn jistqarr:

*"Ahna nemmnu f'Alla wiehed, Missier, Iben u Spirtu s-Santu Hallieq tal-hwejjeg li jidhru u ta' dawk li ma jidhrux bhalma huma l-ispirti puri, imsejhin angli"* (100).

Mhux possibbli li nammettu li Gesu gie nfluwenzat mill-kultura taz-zmien u halla l-poplu fil-ghama dwar kwistjoni hekk importanti fil-messagg nisrani. Veru, il-messagg nisrani ghandu l-qalba x'imkien iehor: il-ferh ta' Kristu Rxoxt, imma b'daqshekk ma jfissirx li kull verita ohra kollaterali ghandna nwarrbuha.

L-adattament ghal certa mentalita nammettuh biss quddiem kwistjonijiet xjentifici. Hekk bhala ezempju f'Mattew insibu li l-Missier itella' x-xemx fuq it-tajbin u fuq il-hziena (ara *5:45)*. Nafu li x-xemx ma titlax. Imma din hi kwistjoni xjentifika, li fiha Gesu ma jidholx. Gesu -jghidilna S.Wistin – ried jibdel lis-semmiegha tieghu f'insara u mhux f'matematici jew xjenzjati. Dan l-adattament ma nistghux nammettuh meta l-kwistjoni hi religjuza, bhal fil-kaz ta' l-ezistenza tax-xitan (101). Certament, irridu nevitaw zewg eccessi meta nitrattaw suggetti bhal dawn: il-kredulita u l-prekoncetti. Mhux sewwa li nkunu fundamentalisti u ma naghrfux innezzghu mil-lingwagg letterarju veritajiet li taghtina r-Rivelazzjoni. Min-naha l-ohra lanqas ghandna nersqu lejn l-Iskrittura biex ingegmuha taqbel maghna u tipprova t-tezi taghna.

Hekk nimmagina li ghamel **Haag** meta qalilna illi kulfejn fil-Bibbja naqraw il-kelma "xitan" Jew "satana" nistghu trankwillament inpoggu minflokha, il-kelma "dnub" (102).

———————0———————